# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 56– **ĠUNJU 2020**

## werrej


| | |
|---|---|
| **L-Editorjal** | **2** |
| **L-Aħbarijiet** | **3** |
| **Reazzjonijiet** | **6** |
| **Intervista ma' Kristina Chetcuti** | **7** |
| **X'għamlu xi kittieba waqt il-lockdown** | **9** |
| **Intervista ma' David Bezzina** | **13** |
| **Diskors Victor Fenech** | **15** |
| **Reċensjonijiet** | **16** |
| **Kitba ta' Victor V. Vella** | **23** |
| **Rakkont ta' Carmen Refalo** | **24** |
| **Kitba ta' Vanessa Fenech** | **28** |
| **Il-Poeżiji** | **29** |
| **Versi lil hinn minn xtutna** | **34** |
| **Minn fuq l-ixkaffa** | **35** |








Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

Il-kittieb huwa bniedem tal-laħam bħal kulħadd. Iġarrab l-esperjenzi umani bħal kulħadd. Għalhekk ma setax jonqos li f'din l-edizzjoni ta' IL-PONT jidħlu wkoll numru ta' kitbiet li jintrabtu ma' dak li laqat u li għadu qed jolqot lid-dinja, mhux biss lil pajjiżna, f'dawn l-aħħar xahrejn/tlieta: l-imxija tal-Covid-19. Bħal dejjem, il-letteratura inġenerali, u l-poeżija in partikolari, turina li l-bniedem hu wieħed, hu fejn hu.

Il-Covid-19 qafel lil ħafna id-dar, imma ħafna wkoll qed jagħżlu li jgħaddu ftit minn dan il-ħin jaqraw numru ta' kotba li forsi kienu ilhom jistennew fuq l-ixkaffa. Oħrajn għażlu li jieħdu l-okkażjoni u jordnaw numru ta' kotba offruti bi prezzijiet raġunevoli u li jitwasslulhom direttament id-dar, bis-saħħa ta' inizzjattivi meħudin minn djar tal-pubblikazzjoni differenti. Oħrajn saħansitra sabu l-ħin biex jorganizzaw aħjar il-biblijoteka personali tagħhom ħalli jkunu jafu eżattament x'kotba għandhom u fejn isibuhom meta jiġu bżonnhom.

Sabiħa kienet ukoll l-inizzjattiva ta' Ġorġ Mallia li jikteb ktieb għat-tfal marbut mas-sitwazzjoni preżenti u jitfgħu f'format PDF fuq l-internet b'xejn bħala rigal lit-tfal li jinsabu maqfuin id-dar. Inizzjattiva sabiħa oħra hija dik tal-Għaqda tal-Malti - Università li stiednet lill-membri tagħha biex jimpustaw video tagħhom jaqraw xi silta ta' proża jew poeżija favurita tagħhom. Hemm individwi u kittieba oħra li għażlu li jiddedikaw ftit minn ħinhom biex jimpustaw videos tagħhom jaqraw stejjer għat-tfal biex itaffu ftit mill-monotonija li tista' tinħoloq f'perijodu ta' emerġenza bħal dan.

Ninsab ċert li dan iż-żmien ta' tensjoni u emerġenza serva ħafna bħala spinta kreattiva lil bosta, fosthom kittieba, poeti u artisti oħrajn.

Inizzjattivi sbieħ oħrajn li qed jittellgħu bħala konsegwenza tal-Covid-19 huma l-lejliet letterarji virtwali li qed jiġu organizzati kemm min għaqdiet nazzjonali kif ukoll oħrajn internazzjonali. Minkejja l-*lock down*, inizzjattivi bħal dawn qed iqarrbu flimkien xorta waħda kittieba differenti u nies li jinteresaw ruħhom fil-letteratura inġenerali, saħansitra kittieba minn pajjiżi differenti.

Il-qarrej jista' jinnota li maż-żmien f'IL-PONT bdew jidhru wkoll kitbiet mhux biss bl-ilsien Malti, imma anki b'ilsna oħra, l-iktar bl-Ingliż u bit-Taljan. U dawn mhux biss miktubin minn poeti u kittieba barranin, imma anki minn poeti u kittieba Maltin. Dan biex niftakru li, minn dejjem, il-letteratura Maltija ma tinkitibx biss bl-ilsien Malti, imma anki b'ilsna oħra. Hemm bosta kittieba Maltin li jiktbu mhux biss b'ilsien art twelidhom imma anki bl-Ingliż, bit-Taljan, bil-Franċiż u ilsna oħrajn. Dan kienu jagħmluh anki kittieba kbar bħal Dun Karm Psaila stess, il-Poeta Nazzjonali.

Infakkru li IL-PONT ismu miegħu: huwa pubblikazzjoni li għandha sservi biex fuq kollox tgħaqqad u tqarreb lejn xulxin kittieba Maltin differenti, stabbiliti u le, il-qarrejja mal-kittieba, u kittieba ta' pajjiżi differenti wkoll. Dan hu dak li jagħmel pont fir-realtà. U hu għalhekk li IL-PONT jippreżenta kull darba għadd sabiħ t'ilħna differenti kemm Maltin (li jgħixu fil-gżejjer tagħna, imma anki lil hinn min art twelidhom), kif ukoll barranin. Mill-ġdid l-Editur jirringrazzja lill-kontributuri kollha u jistieden lill-qarrejja biex ikomplu jxerrdu din il-pubblikazzjoni letterarja virtwali fost iċ-ċrieki ta' ħbiebhom. L-Editur iħeġġeġ biex dejjem aktar kontributuri jkomplu jibagħtu l-kitbiet tagħhom, basta jkunu ta' ċertu livell u jekk jista' jkun mhux twal ħafna.

Minn hawnhekk l-Editur ta' IL-PONT iħeġġeġ lill-qarrejja biex jibqgħu jsegwu din il-pubblikazzjoni u fuq kollox iħobbu l-qari u l-ktieb Malti. L-Editur jixtieq lill-qarrejja, lill-familjari u lil ta' madwarhom SAĦĦA u jfakkarhom biex fuq kollox jieħdu ħsiebhom.



Alberto Arbasino

## IMUT KITTIEB U ĠURNALISTA PROLIFIKU TALJAN

Nhar it-22 ta' Marzu miet il-kittieb u ġurnalista, Alberto Arbasino, wara li kien marid għal żmien twil. Arbasino twieled f'Voghera (Pavia) fl-1930, u f'Jannar li għadda għalaq 90 sena. Kellu karriera twila bħala rumanzier, poeta u kittieb ta' saġġi. Bħala żagħżugħ beda jistudja l-Mediċina, imma mbagħad għadda għall-istudju tal-Liġi, qasam li ggradwa fih fl-1955. Kienu għal qalbu l-istudji klassiċi, it-teatru, il-kotba, wirjiet pubbliċi u anki skambi ta' natura intellettwali. Beda jikteb f'rivisti kulturali bħal "L'illustrazione italiana", "Officina", "Paragone" u "Mondo di Pannunzio." Fl-1963 ippubblika r-rumanz sperimentali tiegħu *Fratelli d'Italia*. Xogħlijiet oħra tiegħu huma *L'anonimo lombardo* (1959), *Parigi o cara* (1960); *Un Paese senza* (1980); *Paesaggi italiani con zombi* (1998); La *vita bassa* (2008); u *L'ingegnere in blu* (2008).

## POSTPOST IL-FESTIVAL TAL-KTIEB FUQ IL-KAMPUS 2020

Fid-dawl tal-eskalazzjoni tal-Coronavirus COVID-19 madwar l-Ewropa, il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus 2020, li kellu jsir fl-Università ta' Malta bejn il-25 u s-27 ta' Marzu, ġie pospost sakemm joħroġ avviż ieħor.

## POSPOST SEMINAR ORGANIZZAT MID-DIPARTIMENT TAL-MALTI TAL-UNIVERSITÀ U TAL-JUNIOR COLLEGE

Is-Seminar li kellu jsir nhar l-14 ta' Marzu, fis-Sala Pietru Pawl Saydon f'Tal-Qroqq, ġie pospost minħabba l-emerġenza tal-Covid-19. Kien seminar immirat għall-għalliema u għal kull min xtaq jattendi dwar it-testi u s-suġġetti fis-sillabi l-ġodda tal-Malti fil-livell Intermedju u Avvanzat. Fost is-suġġetti li kellhom jiġu ttrattatti: it-taħriġ tal-lingwa, is-suġġetti tal-lingwistika, u t-testi letterarji. Waqt is-seminar kellu jkun hemm numru ta' għalliema li jgħallmu fil-livell post-sekondarju jaqraw preżentazzjoni ta' kwarta dwar suġġett partikulari.

## LEJLA TA' POEŻIJA U MUŻIKA INTERNAZZJONALI FUQ ZOOM

Nhar il-15 ta' April 2020, il-poetessa mill-Marokk, residenta fl-Italja, Dalila Hiaoui, organizzat lejla ta' poeżija u mużika virtwali bl-isem ta' "Il Salotto Culturale J'nan Argania: In Quarantena non sei solo/a." F'din il-laqgħa pparteċipaw mal-ħmistax-il persuna, fosthom poeti mill-Italja bħal Giuseppe Napolitano, Irene Vallone, Ida Di Ianni, Angelo Puma, Rita Felerico, Salvatore Nappa, u Ivano Muguaini, ġejjin minn reġjuni bħal Campania, Molise, Toscana, u Sqallija. Poeti oħra kienu mill-Isvizzera (Lucilla Trapazzo), mill-Albanija (Arjan Kallco), mill-Eġittu (Hatim Hawas), minn Malta (Patrick Sammut), u mill-Marokk (Siham Doulkidah). Angelo Torchia pprovda l-intervalli mużikali. Waqt is-serata virtwali nqraw poeżiji bit-Taljan, bl-Għarbi u bil-Malti, inkluża poeżija tal-poeta Palestinjan, Mahmoud Darwish. Waqt is-serata ntqal ukoll li dan il-Covid-19 bħal għaqqad il-popli tad-dinja, u li l-poeti tad-dinja kollha m'għandhomx iħallu dan jgħaddi bla ma jdoqqu l-qniepen tagħhom, filwaqt li soċjetà fejn jaħkem il-kapitaliżmu sfrenat għandha titwarrab biex tinħoloq dinja aħjar.

## MONS. LAWRENZ CACHIA JAGĦLAQ 88 SENA

Nhar it-22 ta' April 2020, Mons. Lawrenz Cachia għalaq 88 sena. Mons. Cachia f'Marzu għalaq 64 sena saċerdot, u fl-14 ta' Novembru 2017, l-Akkademja tal-Malti onoratu b'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti għat-tħabrik tiegħu b'risq ilsienna. Mons. Cachia twieled f'Ħaż-Żebbuġ fl-1932. Studja fil-Liċeo tal-Ħamrun u tal-Belt, u fl-Università ta' Malta, minn



Mons. Lawrenz Cachia

fejn kiseb il-Liċenzjat fit-Teoloġija. Fl-1956 ħa l-quddiesa, u bejn l-1984 u l-2006 serva bħala Membru tat-Tribunal taż-Żwiġijiet. Wera interess kbir f'Żebbuġin bħalu, fosthom Mikiel Anton Vassalli u Dun Karm Psaila, permezz ta' kotba bħal *Mikiel Anton Vassalli: Ħajtu fil-Qosor* (1988), traduzzjoni ta' Il-*'Grammatika Melitensis' ta' Mikiel Anton Vassalli* (1996), *Dun Karm: Il-Poeta Nazzjonali - Antoloġija Kkummentata* (1999), *Dun Karm: Il-Ħajja tal-Poeta Nazzjonali* (2011), *Dun Karm Bħala Qassis* (2013), u edizzjoni tal-*'Lexicon' jew Dizzjunarju Malti-Latin-Taljan* (2016). Kiteb anki kotba dwar l-ilsien Malti u l-istorja tiegħu, fosthom *Il-Verb fil-Malti: Studju dar il-Forom* (1984), *Grammatika Ġdida tal-Malti* (1994), *L-Ilsien Malti: Ilbieraħ u Llum* (1994), *Ħabbew l-Ilsien Malti* (2000) u *Ilsna Semitiċi* (2004).

**IL-JUM DINJI TAL-KTIEB U D-DRITTIJIET U JUM IL-LIBRERIJI**

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Ktieb u d-Drittijiet u Jum il-Libreriji 2020 (23 ta' April), il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ingħaqad ma' Lovin Malta għall-promozzjoni tal-qari ta' kotba Maltin. Jon Mallia u Rachelle Deguara kienu l-protagonisti ta' filmat dwar il-benefiċċju tal-qari u l-kotba favoriti tagħhom. Bħala parti mill-okkażjoni, il-KNK sab iċ-ċans ukoll biex bħas-soltu tingħata donazzjoni kbira ta' kotba lil Malta Libraries, fosthom xogħlijiet oriġinali u tradotti għat-tfal u ż-żgħażagħ; kotba ta' poeżija għat-tfal; u kotba akkademiċi, ta' natura storjografika, bijografika u riċerka ġenerali. Dawn il-kotba huma għażla tal-aħjar kotba ppubblikati minn djar tal-pubblikazzjoni Maltin u jinkludu bosta rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2019. Huma kotba li se jsibu ruħhom fuq l-ixkafef tal-libreriji ta' Malta u Għawdex, ladarba dawn jerġgħu jiftħu. L-irwol tal-KNK huwa essenzjali għall-industrija tal-kotba, u l-għan hu dejjem li tiġi inkuraġġuta kultura ta' qari fost il-poplu, speċjalment iż-żgħar. It-twemmin hu li aktar ma jkun hemm użu tal-libreriji u l-ħwienet tal-kotba lokali akbar ikun il-ġid għas-soċjetà. Hemm aktar donazzjonijiet ippjanati din is-sena lil Malta Libraries, skejjel u organizzazzjonijiet varji. Għal dawn li jixtiequ jaqraw imma ma jafux minfejn jixtru l-kotba, il-KNK ġabar l-informazzjoni kollha meħtieġa hawnhekk: https://ktieb.org.mt/mt/tista-tixtri-l-kotba-onlajn/

**JONQOS DRASTIKAMENT IL-BEJGĦ TAL-KOTBA FL-ITALJA MINĦABBA L-CORONAVIRUS**

Fl-Italja, l-għeluq tal-ħwienet tal-kotba minħabba l-emerġenza tal-Coronavirus, ġab miegħu nuqqas drastiku fil-bejgħ tal-kotba, inkluż il-bejgħ online. Is-suq tal-ktieb fl-Italja qatt ma kien wieħed b'saħħtu ħafna, u din l-emerġenza kompliet tgħakksu iktar. Sal-15 ta' Marzu s-suq tal-ktieb kien diġà tilef 35% tal-bejgħ. Fejn fi żminijiet normali, l-ewwel ktieb fil-klassifika tal-ġimgħa kien ibigħ mal-ħdax-il elf kopja, din id-darba biegħ biss mal-2700 kopja. Kien hemm sitwazzjoni opposta fl-Ingilterra, fejn fl-istess żmien, il-bejgħ tal-kotba żdied b'35% u Waterstones irreġistrat żieda ta' 400% fil-bejgħ tagħha online. Intant, ta' min jgħid li s-settur tal-kotba kien fost l-ewwel li reġa' fetaħ għall-pubbliku fl-Italja (minkejja li mhux fir-reġjuni kollha) bit-tama li jerġa' jieħu r-ruħ is-suq tal-editorija.

**ONORIFIĊENZA LIL ALFRED PALMA MIS-SOĊJETÀ ESPERANTISTA TA' SQALLIJA**

Nhar is-27 ta' April 2020 il-kittieb u traduttur Malti, Alfred Palma, irċieva t-titlu ta' "Cavaliere di Sicilia" mis-Sicilia Esperantista. Alfred Palma ġie rikonoxxut




**Alfred Palma f'Ravenna fl-2008**

bħala awtur prolofiku, traduttur u poeta li jikteb bil-Malti, bit-Taljan, bil-Franċiż u bl-Ingliż. Ġie mfaħħar għat-traduzzjonijiet prezzjużi tiegħu ta' xogħlijiet ta' Shakespeare, Wilde, Voltaire, Lawrence u Mann, imma fuq kollox għat-traduzzjoni tad-*Divina Commedia* fejn Palma żamm it-terza rima oriġinali u li ppubblika fl-1991. Palma ġie rikonoxxut ukoll għall-parteċipazzjoni tiegħu fl-XIV-il edizzjoni tas-Settembre Dantesco 2008 f'Ravenna, u anki għas-sensibilità tiegħu bħala mużiċista u pjanista ta' ċerta abiltà u esperjenza.

**F'OTTUBRU LI ĠEJ TERĠA' TIFTAĦ ID-DIPLOMA FIL-LETTERATURA MALTIJA**

F'Ottubru tal-2020, id-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta se jerġa' jiftaħ il-kors li jwassal għal Diploma fil-Letteratura Maltija. Dan il-kors part-time ta' filgħaxija, b'żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa ta' tliet sigħat il-waħda, huwa mifrux fuq sentejn u jiftaħ darba kull sentejn. Id-Diploma tħares lejn l-imgħoddi u l-preżent tal-Letteratura Maltija, iżda tiffoka wkoll fuq oqsma li s'issa għadhom ma ġewx mistħarrġa b'mod sistematiku, fosthom: il-kitba kreattiva u l-lirika tal-kanzunetta; ix-xogħol tal-editjar ta' manuskritt letterarju; il-qari tal-letteratura fil-pubbliku u fuq il-mezzi tax-xandir; il-preżenza u l-promozzjoni tal-letteratura fuq l-internet; l-organizzazzjoni ta' attivitajiet letterarji fil-komunità; iż-żwieġ bejn il-letteratura u forom oħra tal-arti; u l-kitba ta' reċensjonijiet ta' kotba tal-letteratura. Is-suġġetti li se jiġu ttrattati huma: Il-poeżija ta' wara l-Indipendenza; Il-letteratura kanonika u sedizzjuża; Mill-eqdem xogħlijiet poetiċi sal-poeżija Romantika; Ir-rwol tal-qarrej fit-twettiq tax-xogħol letterarju; In-narrattiva tal-bidu - gazzetti u faxxikli; In-narrattiva tal-ġenerazzjoni kożmopolita; Letteratura u Teknoloġija: Il-ħolqien letterarju bejn il-bniedem u l-magna; Il-poeżija tal-ġenerazzjoni kożmopolita; Ir-rumanz tan-nazzjon sa żmien l-Ingliżi; In-narrattiva ta' wara l-Indipendenza; Il-qari pubbliku; L-użu kreattiv tal-għodod letterarji; Metodi ta' kritika u interpretazzjoni; Kif taqra test teatrali fuq il-karta u fit-teatru; Tipi ta' Realiżmu fin-narrattiva; Il-lirika tal-kanzunetta; Il-letteratura tat-tfal u l-adolexxenti; u L-editjar ta' manuskritt letterarju. Għal aktar dettalji fuq il-kors żuru: malti.arts@um.edu.mt jew facebook.com/um.diplittmalt.

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA MILL-AKKADEMJA TAL-MALTI**

L-Akkademja tal-Malti qrat l-aħbar li l-ġenituri li jagħżlu li jsemmu lil uliedhom b'isem Malti qed ikollhom jirreġistrawh ħażin għax ir-Reġistru Pubbliku għad m'għandux sistema moderna li biha l-ismijiet tat-tfal ikunu jistgħu jinkitbu bl-ittri tal-Malti li ma jinstabux fl-alfabett Ingliż. Dan l-ilment ġenwin mhux l-ewwel darba li sar u li ssemma fl-aħbarijiet.

L-Akkademja tfakkar li l-alfabett uffiċjali tal-Malti ġie rikonoxxut mill-Gvern 86 sena ilu. B'xorti ħażina r-Reġistru Pubbliku baqa' m'aġġornax ruħu f'dan ir-rigward, minkejja li fl-aħħar snin tħabbar li dan kien se jsir.

Għaldaqstant l-Akkademja titlob lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Alex Muscat, responsabbli mir-Reġistru Pubbliku, biex jieħu passi minnufih ħalli din il-problema tissolva mill-aktar fis possibbli għall-ġid tal-ġenituri u f'ġieħ l-ilsien nazzjonali.



## Email mingħand Mario Griscti, is-17 ta' Marzu 2020

Il-qari huwa ċ-ċavetta tal-għarfien u jistimula l-kuntentizza. Il-bniedem jeħtieġlu jkun seren, f'ħajja ta' għaġla, artifiċjalità, impożizzjonijiet politiċi, reliġjużi, u issa b'pandemija. Hawn joħroġ kemm il-kotba huma imprezzabbli. Ma nistħix li ftaqart fuqhom. Kamra mogħnija b'kollezzjoni ta' kotba hija simili għal ġenna fl-art.

Grazzi mill-qalb, Patrick.

B'Imħabba,

Mario

## Email mingħand Charles Bezzina, it-2 ta' Marzu 2020

Għażiż Patrick

Malli rċevejt IL-PONT, ħadt ħsieb nistampah, u għaddejt l-isbaħ tliet sigħat naqrah, għax aktar ma taqra aktar tidħol fil-fond u l-ħsibijiet tal-awturi. Sa issa qrajt aktar minn nofsu. Nifraħlek mill-qalb tal-inizjattiva li qiegħed tieħu, għax ir-rivista barra li taġġornak fuq l-aħbarijiet letterarji, għandha firxa ta' kitbiet sbieħ li jkomplu jagħnu l-letteratura tagħna.

Għalhekk nawguralek biex tissokta tkompli turi l-enerġija tiegħek, biex kull perjodu tagħtina rivista oħra, u li flimkien imbagħad isawru ktieb letterarju fuqani.

Tislijiet,

Charles

## IL-KARBA TAL-KREJN

Il-krejn għandu deni ta' żiemel
moħħu mismut fil-qilla t'Awwissu
jistenna li jagħtas mikrobi
żgħar u kbar, l-aqwa li jmarrad,
iperreċ id-deni forsi xi darba jfieq
u jitħalla abbandunat, iggaraxxjat
xeba' jaqdi l-allat, wara kollox
hu jkun f'saħħtu żarmat
allavolja l-pajjiż marid mejjet
imma jibqa' qisu l-intamat.

**GABRIEL LIA**




## AN INTERVIEW WITH KRISTINA CHETCUTI, AUTHOR OF *AMAZING MALTESE WOMEN*, Merlin Publishers Ltd., 2020.

**You studied Archaeology, then moved to journalism and have had a weekly column in *The Sunday Times of Malta* for over 10 years. How does all this come into the picture?**

Ah, when you put it like that I feel quite old! My life has had very suprising twists and turns, and somehow, in one way or another, it has all influenced the making of this book.

**Why Maltese women? How and when was this project conceived?**

If we look at our oral and written culture, we'd be forgiven for thinking that only men have shaped the history of Malta. Is it possible that over the centuries there were no brave, talented women who left a mark on Malta? Bookshops were inundated with children's books about great women who made history in science, in arts, in medicine in activism, everywhere around the world except Malta. Hello! Where were our women? I decided to do some research – and was pleasantly surprised. Luckily, Merlin Publishers immediately took up the project.

**The presentation is not traditional but very modern, mixing together colour, shapes, design and a sense of movement. Why this?**

It is very much in line with the current trend for illustrated children's books abroad. In this day and age where children have a lot of technological distractions, books must be attractive, colourful and dynamic. The stories truly came to life really with Marisa's illustrations. Her ink and watercolours drawings made it possible to narrate the story comic-like, so that it almost like a conversation, as well as a work of art. Marisa and I then worked with designer Faye Paris, whose layout gave the book the sense of movement that you mention – it's what gave it that special oomph!

**How was your collaboration with illustrator Marisa Attard?**

I have always been a fan of Marisa's work. She is one of my favourite artists in Malta. When you look at a piece of her art, it makes your heart fill with joy. So of course I was totally over the moon when Merlin Publishers told me that Marisa would be illustrating *Amazing Maltese Women*. She is fun to work with and so professional. I love it how her wit comes across so deftly in her drawings – children will pick up all her little nuances and clues (check out the hilarious rag doll in Henrietta Chevalier's story).

**Does all this make *Amazing Maltese Women* a book for girls?**

Maltese children - be it boys or girls - need women role models in a society where we only seem to have a vivid image of male power. In fact, I'd like to stress that this is not just a book for girls. Please, please, read it as a family. We are a society equally made up of men and women and books like these can help start redress the imbalance we have of a power structure made up of men in suits. I hope that children can draw strength from these real-life stories and be inspired. In short, *Amazing Maltese Women* has no fixed target age.

**There is an important phrase place exactly in the centre page: "The more we can understand our past, the more we can make better our future." Why this?**

I beleive that history should be a compulsory part of the secondary school curriculum – becuase I think the more our children grow up knowing where they

come from, the more they can learn from the mistakes of the previous generations – and ultimately, the world would be a better place. Unfortunately we tend to think that we are re-inventing the wheel every time – which is why as humankind, we're always jogging on the spot.

**History revisited in the sense that here we have Herstory through the life stories of 17 different Maltese women coming from different epochs stretching from Prehistory to the Baroque to the 20th century up to the present day. I've also noted that there is no chronological timeline. Why this?**

*Amazing Maltese Women* is a shortlist of the top 17 most resilient women who throughout the ages were or are not afraid to go against the current for the benefit of the common good. I did not stick to a particular period or timeline. The book, in fact, cuts across the ages: from Tina the prehistoric Maltese woman who lived in an impressively egalitarian society in Ġgantija, Gozo about 5000 years ago; to Maria di Dominici in the 16th century who was the world's first documented woman artist; to Amy Camilleri Zahra one of the most influential activists for disability rights who lives in B'Kara. I wanted to show children that these women who had followed their heart and had let no one dampen their determination, did not only exist in the past, but they can meet them or bump into them even today, like Esther Azzopardi who's a UEFA football referee.

***Amazing Maltese Women* is about women in different spheres of society: fashion, ballet, archives, health, politics, journalism, opera, theatre, disability, footbol, and art. Does one read this book for leisure, as an educational tool or both? What do you think?**

I think this book should be read for fun – that's what books for children should be all about. If they enjoy it, then they will feel inspired to pick up another book and get absorbed into the beautiful world of knowledge.

***Amazing Maltese Women* is also proof that Malta's connection to Europe goes back many centuries. This links to undercurrent "messages" in favour of respect towards the "other". How much is this so?**

We do think that Malta is the centre of the world, don't we? We forget that we wouldn't be here if in the first place some 'barrani' did not decide to cross over to the island and set up base here. We have always been linked to the rest of the world from the very begining. We know that in prehistoric times, skin colour for example, did not make a difference. We also know that Clara La Spatara, a much sought-after blacksmith at the time of the knights, used to take apprentices from all over Europe; Madame Manfre, Malta's very own Coco Chanel, used to shut shop every summer and travel to Paris and London to recharge her ideas outside our shores. It's also the case of 'the prophet is not welcome in his hometown' – Daphne Caruana Galizia's investigative journalism was lauded outside of Malta but trampled on here.

**Readers note that the book is in favour of family, the right diet, equality, a general love for culture, and everybody doing their part in society. Your reactions?**

Ah, Patrick, we are such a small island, such a small society – we have all the credentials to be a utopic society. I think we just need to stop this stupid indocrination that it's wrong to love culture; that it makes you a snob or an elitist. Culture is what makes us different from the other species on this planet. We must uphold a love of beauty and civic education – it's the least we can do for the generations to come.

**What was the role of your daughter Pippa in this project?**

My daughter's bookshelves were, at a point, heaving under the weight of women power. Rebel Girls, Fantastically Great Women, Big Dreams – you name it, she had read it. But they were all books about great women abroad. That's what first made me thing, hey, is it possible that we don't have any inspiring women over here? Then, when I started the project, Pippa and her friend Louie – who both love comics – were my assistant 'editors'. Each spread had to pass their test to make sure that it was child-savvy.

***

***Amazing Maltese Women* can be ordered online at a special price from merlinpublishers.com.**



**X'QED JAGĦMLU XI KITTIEBA MALTIN WAQT DAN IŻ-ŻMIEN TA' EMERĠENZA INTERNAZZJONALI? *IL-PONT* JISTAQSIHOM TLIET MISTOQSIJIET.**

## Kif qed tgħaddi l-jiem matul dan il-perijodu meta parti kbira mill-popolazzjoni ntalbet tibqa' ġewwa?

**LOU DROFENIK (mill-Awstralja)**

Il-ħajja ta' kittieb hija ħajja ta' solitudni. Jiena mdorrija ngħix mingħajr ma nara nies. Jiena nqatta' sigħat sħaħ ġewwa, nikteb u naqra; għal żvog immur nimxi u naħdem fil-ġnien. Għalija din ħajja normali.

**CARMEL G. CAUCHI**

Għall-ewwel ħsibt li se jkolli ċans nikteb iżjed, imma donni ma nistax nikkonċentra. Ħadt l-opportunità biex nagħmel ftit tal-ordni fil-kamra u l-istudju tiegħi - pereżempju niffajlja karti u dokumenti importanti li kienu gozz wieħed imħalltin, jew mitluqin 'l hawn u 'l hemm biċ-ċans li nitlifhom jew narmihom bi żball. Imma xi ħaġa bdejt nikteb ukoll - fil-fatt ktibt 3 poeżiji fuq is-sitwazjoni tal-Coronavirus.

**CHARLES FLORES**

Mixja... kitba... ikla... kitba... TV/PC... kitba... raqda

**TREVOR ŻAHRA**

Jiena kont diġà nqatta' ħafna ħin ġewwa... naqra, nikteb u npinġi. Għalhekk din is-sitwazzjoni li ninsabu fiha ma tantx ħarbtitni. Jiddispjeċini biss li ma nistax niltaqa' mat-tfal u n-neputijiet, iżda mill-bqija kollox baqa' għaddej kif kien. Bħalissa qed naħdem fuq ktieb ġdid għat-tfal u dħaltlu sewwa. Dan il-ktieb se jkollu għadd kbir ta' illustrazzjonijiet, li wkoll bdejt naħdem fuqhom. Kelli wkoll xogħol lest li kien fadallu biss l-aħħar irtokki .

**ALFRED PALMA**

Jiena issa ili fuq 30 sena ngħix waħdi, u nżomm rutina waħda, iżda varjata. Inħobb ħafna l-passiġġati twal; iżda issa, ħajr għall-imxija tal-Covid 19 qed nobdi lill-Awtoritajiet tas-saħħa u ngħaddi aktar żmien ġewwa. Hawn ir-rutina baqgħet l-istess: xogħol ta' kitba, qari, xi affarijiet li jkolli nagħmel ġod-dar u sagħtejn indoqq il-pjanu filgħaxija. B'danakollu, in-nuqqas ta' passiġġati qed inħossu għad li, ukoll ġewwa, qed nittanta nkun attiv kemm nista', ħiela' u nieżel it-tliet sulari taraġ li għandi d-dar, u wkoll naħseb pożittiv, minkejja s-sħab iswed li nġama' fuq id-dinja u qed ikompli jkiddha!

**CARMEL SCICLUNA**

Ħajti baqgħet l-istess. Naqra, naħseb, ingawdi l-attivitajiet kulturali online, nikteb il-poeżiji u l-istejjer, immur il-passiġġati waħdi jew maż-żgħira.

**THERESE PACE**

Bħala persuna meqjusa vulnerabbli qed nibqa' ġewwa. L-unika differenza hi li ma nistax immur nixtri mnejn irrid jew noħroġ nimxi.

**SALV SAMMUT**

Qabel dħalt nissakkar ġewwa rajt li jkolli dak kollu meħtieġ rigward ikel u finanzi biex ma nixrifx barra jekk mhux b'emerġenza. Filgħodu, wara l-fatra, nara x'imejls ikunu daħlu u x'manutenzjoni hemm bżonn issir fid-dar. Imbagħad noqgħod il-garaxx u hemmhekk insib x'nagħmel. F'nofsinhar niekol, nerġa' fuq il-laptop, u wara għar-raqda ta' waranofsinhar. Wara t-te, nara xi żewġ episodji minn xi drama ta' barra, u wara x-xawer nintefa' norqom ir-rumanzi li għandi għall-pubblikazzjoni. Bħalissa għand il-Pubblikatur għandi ġabra ta' mitejn novella ta' mitejn kelma kull waħda u ħames rumanzi jistennew. Imbagħad nerġa' nara t-televixin u meta nibda nagħti bir-ras immur norqod.

**CHARLES CASHA**

Nikteb. Spiċċajt ġabra ta' novelli għall-kbar, u qed nagħmel xi loghob, qari u slideshows għat-tfal li qegħdin id-dar.

**RITA SALIBA**

Għaddejjin minn perjodu ta' stress mentali... niġġieldu għadu li ma nafu xejn dwaru, naġġornaw ruħna mas-sitwazzjoni jum b'jum u nippruvaw naddattaw. Bla dubju l-qari qed jgħinni negħleb it-tensjoni. Kotba li kont warrabthom telgħu fil-wiċċ tal-lista u kulma jmur qed insib materjal ġdid x'naqra. Qed insib ruħi nfittex x'qed jiġri anki f'pajjiżi 'l bogħod u nikkuntattja ħbieb u qraba li jgħixu f'pajjiżi oħrajn aktar ta' spiss filwaqt li nipprova nżomm ħajti għaddejja.

## Din hi sitwazzjoni li b'xi mod jew ieħor ġegħlitek tagħmel xi ħaġa differenti mis-soltu?

**LOU DROFENIK**

Iva, bdejt naqra lin-neputijiet iż-żgħar fuq l-internet; qatt m'għamiltha qabel, għax drawni naqralhom meta mmur nieħu ħsiebhom. In-neputijiet tiegħi jħobbuhom wisq il-kotba. Qed nitkellem mal-ħbieb iktar minn qabel u nċempel lill-ġirien (li hawnhekk ngħixu 'l bogħod minn xulxin) iktar sikwit biex nistaqsihom kif inhuma.

**CARMEL G. CAUCHI**

Barra dak li ġa semmejt, għandi ħsieb ukoll li nirranġa l-librerija u nagħżel il-kotba skont l-awtur. Bħalissa l-kotba tiegħi qegħdin imħalltin b'mod li nsibha diffiċli li nsib dak li nkun irrid. Din dejjem xtaqt nagħmilha imma qatt ma sibt ħin għaliha. Qiegħed ukoll naqra xi ftit iktar mis-soltu. Għandi l-ħsieb li nissortja u niffajlja ħafna clippings mill-gazzetti li jinteressawni, u reċensjonijiet dwar kotba li ppubblikajt.

**CHARLES FLORES**

Ftit (sic) iktar ikel mis-soltu ?

**TREVOR ŻAHRA**

Naħseb li qed niekol aktar!!! (Dak kien jonqosni!!) U qed insegwi l-quddiesa u talb minn fuq it-TV. Qed insib aktar ħin biex naqra.

**ALFRED PALMA**

Kif għidtlek, minkejja kollox, ir-rutina ta' ħajti baqgħet kważi normali; iżda żgur li mhix normali s-sitwazzjoni li wieħed jibża' joħroġ barra u jitkellem ma' ħaddieħor; li qraba jibqgħu 'l bogħod minn qraba; li bosta qed ixiddu maskri protettivi, li wieħed dejjem imbeżża' li jista' jibla' l-virus minghand xi ħadd, li jista' saħansitra jmut! Biex ma nsemmux l-istress enormi, it-tensjoni u t-taqtigħ il-qalb li qed ikiddu lil kulħadd! Minn dan il-lat, żgur li xejn ma baqa' normali u l-poplu dejjem jibqa' jittama (biss) li kollox jerġa' lura għan-normal malajr kemm jista' jkun.

**CARMEL SCICLUNA**

Xejn ma nbidel għalija. Business as usual.

**THERESE PACE**

Xogħli d-dar ħfief peress li wliedi kellhom iħallu d-dar u jmorru joqogħdu band'oħra biex jipproteġuna. Qed nuża l-ħin billi nagħmel xi passatempi li qabel ma kellix żmien għalihom.

**SALV SAMMUT**

Le... għalija m'għamlet ebda differenza partikolari għajr li ma nistax noħroġ jekk ikolli bżonn immur nixtri xi ħaġa. Li nista' ngħid affettwatni ftit nhar ta' Ħadd għax konna noħorġu ħarġa f'xi lokal interessanti kemm f'Malta u kemm f'Għawdex.

**CHARLES CASHA**

Iva. Kont ili bix-xewqa li niffilmja xi qari ta' stejjer. U issa ġietni l-opportunità.

**RITA SALIBA**

Dis-sitwazzjoni ġegħlitni nibdel ħafna milli kont drajt nagħmel mingħajr ma naħseb darbtejn. Il-mixjiet twal fil-kampanja kellhom jinqatgħu u addattajt forom ta' eżerċizzji oħrajn li stajt nagħmilhom mid-dar. Bla dubju qed inkun aktar kreattiva fit-tisjir.

Nivvinta riċetti bl-ingredjenti li nsib. B'dal-mod qed nevita wkoll il-ħela.

### Taħseb li l-poplu Malti qorob iktar lejn il-ktieb f'din iċ-ċirkostanza storika partikolari?

**LOU DROFENIK**

Nispera li l-imħabba lejn il-letteratura tibqa' tikber. Hawnhekk in-nies jaqraw ħafna, u bħalissa il-Book Clubs qed jiltaqgħu fuq Skype jew Zoom.

**CARMEL G. CAUCHI**

Dwar kemm qed jaqra l-poplu Malti f'din iċ-ċirkustanza ma nistax ngħid. Naf li hawn pubblikaturi li qegħdin joffru għall-bejgħ online kotba sbieħ bi prezz imraħħas, imma ma nafx ngħid kemm il-poplu qiegħed japprofitta ruħu minn ġest sabiħ bħal dan. Lanqas ma naf jekk il-libreriji pubbliċi baqgħux jinfetħu għas-self tal-kotba. U jekk iva jista' jkun li l-poplu ma jżurhomx minħabba l-biża' mill-infezzjoni. Jista' jkun li hawn min iħobb il-qari u issa qed isib iċ-ċans biex jaqra iżjed. Imma naħseb ukoll li min ma kienx iħobb tassew il-qari mhux se jibda jħobbu fiċ-ċirkustanzi preżenti.

**CHARLES FLORES**

Ċirkustanzi favur il-qari; nemmen li kien hemm ċaqliqa, madankollu l-aċċent kien fuq logħob elettroniku, midja soċjali, u twaħħid elettroniku permezz ta' Skype, FaceTime eċċ. Żgur daqqa tal-aħħar, jekk mhix tal-mewt, għall-ġurnali.

**TREVOR ŻAHRA**

Għandi dubju dwar dan... għax jiena nemmen li min ma jħobbx jaqra, ebda Coronavirus mhu se jħajru jaqra. Id-differenza hi li min kien diġà jħobb il-qari, issa se jsib aktar ħin. Din bħal tal-Vanġelu: "Min għandu, jingħatalu, u min m'għandux..!"

**ALFRED PALMA**

Naħseb li xi ftit din l-imxija ressqet lil dak li jkun aktar lejn il-ktieb, naturalmentment għax ikollu jibqa' ġewwa u jrid jara x'se jaqbad jagħmel. Iżda ma




nemminx li min ma jħobbx jaqra u jittanta jsir iħobb il-ktieb se jikkonverti. Barra minn hekk, meta l-bniedem jagħmel xi ħaġa kontra qalbu, din ma tkun tiswielu xejn. Kif għidtlek, it-tensjoni ta' bħalissa hija waħda diffiċli biex wieħed jeħles minnha, u għad li l-qari jaljena lil dak li jkun, żgur li l-ktieb per se mhux se jħalli l-istess effett bħalmeta wieħed jaqbad jaqra ktieb għall-gost, u mhux għax iċ-ċirkostanzi jitolbu hekk, jew għax xi ħadd ikun ħajru jagħmel hekk! B'danakollu wieħed ma jagħmilx ħażin iħallat il-qari mal-affarijiet l-oħra li s-soltu jħobb jagħmel, u b'hekk l-għeluq ġewwa jnaqqas mill-bosta emozzjonijet negattivi li bħalissa ħakmu mhux biss lilna l-Maltin, iżda lid-dinja kollha!

**CARMEL SCICLUNA**

M'għandix idea. Fuq din id-domanda wieħed irid jagħmel studji u sondaġġi, imbagħad jitkellem; inutli ngħidlu x'naħsbu. Li hu żgur hu li nħolqot l-opportunità, atmosfera aħjar, iktar ħin, ċans... biex wieħed jaqra. Imma min hu mdorri jagħmel xi ħaġa oħra fil-ħin liberu, issa se jinbidel u jsib iħobb il-qari?

**THERESE PACE**

Jista' jkun, però min ma kienx iħobb jaqra qabel ma naħsibx li sejjer jaqra issa. Min ma kellux ċans jaqra u kien iħobb jaqra issa naħseb li jaqra iktar.

**SALV SAMMUT**

Nemmen li dawk li jħobbu jaqraw il-kotba għamlu sforz biex b'mod jew ieħor jaraw kif jakkwistaw kotba aktar. Għall-inqas mill-facebook hekk qed jidher. L-oħrajn li minn dejjem ma jħobbux il-qari, ma naħsibx li l-virus t'issa bidilhom f'bookworms ġodda.



**CHARLES CASHA**

Naħseb li iva, skont ma qalu xi pubblikaturi. Nittama li iva. Imma allura kellu jkun dan il-virus qerriedi biex iressaqna lejn il-ktieb? Imma fid-dinja, minn kull kruha toħroġ xi ħaġa sabiħa.

**RITA SALIBA**

Ma nixtieqx niġġeneralizza billi ngħid il-poplu hux qed jersaq lejn il-ktieb jew le. Li nista' ngħid li ġieli qsamt ideat ma' xi ħbieb fuq il-midja soċjali dwar titli ta' kotba. Nies li jħobbu jaqraw, naħseb qed isibu aktar ħin jaqraw. Ix-xiri online ta' kotba għamilha aktar faċli għal dawn il-qarrejja ferventi li jakkwistaw ktieb. Hemm ukoll il-Kindle li qed joffri qari alternattiv u l-qari għat-tfal minn fuq il-Youtube. Iżda qed ngħixu wkoll ġrajja storika u rridu nkunu saqajna mal-art. Jaf hemm min hu aktar preokkupat jekk hux se jżomm l-impjieg wara li tgħaddi din l-isħaba sewda u jaf min għandu prijoritajiet oħra f'dawn iċ-ċirkostanzi. Jista' jkun li l-qari hawnhekk twarrab xi ftit.

**LINA BROCKDORFF** bagħtet tweġiba waħda għat-tliet mistoqsijiet:

Mistoqsija għaqlija din għax il-ħin ma jrid jgħaddi b'xejn, u jien ma nistax noħroġ għal xi dawra minħabba l-età tieghi. Qed insibni nara aktar televiżjoni minn qabel bejn li nipprova nsib xi funzjonijiet reliġjużi u nsomma kull ma jogħġobhom iwasslulna. Issoltu nara biss l-aħbarijiet ta' filgħaxija, imma issa kull konferenza dwar is-saħħa nkun irrid naraha jew għallanqas nismagħha fuq ir-radju.

**B'tifkira ta' żewġ Presidenti tal-Għaqda Poeti Maltin li ħallewna fl-24 ta' Ġunju:**

## EĦLISNA, NITOLBUK!

Mulej, mill-jasar kiefer
tal-qerq ta' kull ħakkiem
ta' ġensna mingħajr sliem,
eħlisna, nitolbuk!

Mill-ħallelin ta' wirtna,
li ħallewna bla ruħ,
Mulej, f'daż-żmien ta' dmugħ,
eħlisna, nitolbuk!

Mill-wegħdiet kbar imdallma
ta' wħud mingħajr Twemmin,
lilna Maltin twajbin,
eħlisna, nitolbuk!

Mulej, mis-skiet tar-Rgħajja
ta' poplu mħolli fqir,
imbikkem, trux, ilsir,
eħlisna, nitolbuk!

**AMANTE BUONTEMPO**
**(minn *Mix-Xquq ta' Qalbi*, 1987)**

## IR-RIĦ

Nefaħ ir-riħ
u miegħu ġab trab ġdid
li difen dak li kien
biex qatt aktar ma jidher.

Jinstab min hu konvint
li t-trab li rifes qabel
kien jgħinu jimxi aktar,
u n-nifs ma kienx jaqtagħlu.

Oħrajn jgħidu dar-riħ
hu r-riħ li dejjem xtaqu:
b'riħet it-taqlib tiegħu
ftit bidla fl-aħħar daqu.

**CHARLES MAGRO**
**(minn *Diwi fl-Ispazju*, Għaqda Poeti, 1985)**

## INTERVISTA MA' DAVID BEZZINA, DAR TAL-PUBBLIKAZZJONI HORIZONS

**X'inhi l-pożizzjoni tiegħek fi ħdan id-Dar tal-Pubblikazzjoni Horizons?**

M'għandiex wisq titli hawn! Qegħdin tim tajjeb ta' awturi, disinjaturi, qarrejja tal-provi, u edituri li flimkien nagħmlu l-almu tagħna sabiex nipproduċu kotba ta' kwalità għall-qarrejja Maltin u Għawdxin.

**Minn fejn u meta twieled dan l-interess tiegħek fil-ktieb?**

Mid-dar. Ommi minn dejjem bi ktieb f'idha, u xrobt mingħandha l-interess għall-qari minn età ċkejkna. Niftakarni anki niddiskutu l-istejjer tal-kotba.

**Kemm ilha mwaqqfa Horizons u x'inhuma l-għanijiet ewlenin tagħha?**

Horizons diġa' kienet topera meta xtrajnieha aħna fl-2014. Imma minn dak iż-żmien għamilna taqliba papali fejn jidħol id-disinn tal-ktieb, l-għażla tal-manuskritti, ir-relazzjonijiet pubbliċi u fuq kollox ir-relazzjoni sabiħa li ħloqna ma' għexieren t'awturi.

**Naf li matul dawn is-snin Horizons ippubblikat numru mdaqqas ta' kotba regolarment f'rabta ma' suġġetti differenti. Liema huma s-suġġetti li jintrabtu magħhom dawn il-pubblikazzjonijiet?**

Primarjament nibqgħu b'saħħitna fil-ġeneru tar-rumanz u n-novelli. Imma ta' kull sena nippubblikaw għadd ġmielu ta' kotba b'ġabriet ta' poeżiji, Melitensia, riċerka u anki kotba tat-tfal.

**Naf li Horizons fetħet il-bibien għal bosta kittieba li sabu bibien magħluqin meta ħabbtu mkejjen oħrajn. U dawn mhux biss kittieba ġodda jew mhux magħrufin, imma anki kittieba li l-pubbliku qarrej familjari sew magħhom. Xi tgħid dwar dan?**

Jekk ma jingħatawx ċans kittieba ġodda, ma nistgħux niskopru talent ġdid. Huwa minnu li forsi l-ewwel tentattivi ta' awturi ġodda jistgħu jkunu aktar 'popolari' milli 'letterarji'. Imma jekk wieħed ma jibdiex, ma jkunx jista' jtejjeb xogħlu. Meta awtur ġdid jara l-fiduċja ta' pubblikatur, u fl-aħħar jara li manuskritt li x'aktarx kien ilu moħbi f'kexxun, fl-aħħar jara d-dawl, allura jagħmel kuraġġ ta' ljun. Mhux biss, imma mbagħad tinħoloq relazzjoni fejn l-awtur ikun miftuħ biex jixpruna kitbietu, u jżomm fuq il-pariri tal-pubblikatur li mbagħad jesiġi li jara xogħol aħjar mill-istess awtur. Ladarba jkun ingħata l-ewwel ċans, ikun mistenni li jtejjeb il-kwalità jekk irid jibqa' pubblikabbli.

**Naf ukoll li dar tal-pubblikazzjoni ma tiddependix biss mill-kittieba imma anki minn għadd imdaqqas**



**ta' persuni professjonisti u mhux oħrajn, fosthom illustraturi, qarrejja tal-provi, u oħrajn. Kemm hu veru dan?**

It-tim huwa importanti f'xogħol bhal dan. Kulħadd għandu sehem importanti mill-proċess. Mingħajr wieħed mill-komponenti li semmejt int, ma jistax joħroġ xogħol tajjeb.

**Liema huma l-uġigħ ta' rasijiet marbutin ma' xogħol bħal dan?**

Primarjament dawk marbuta ma' suq żgħir. Il-verità hi li hawn Malta la l-awtur u lanqas il-pubblikatur ma jsiru sinjuri minn dan il-mestier! Il-produzzjoni tal-ktieb sbieħet tant f'dawn l-aħħar 10 snin li l-kotba Maltin iħabbtuha sew ma' dawk barranin. Illum tista' tgħid il-pubblikaturi lokali kollha jagħmlu sforz kbir f'dan il-qasam, iżda n-numri jibqgħu ċkejkna, u għalhekk l-ispejjeż tal-produzzjoni relatati man-numru ta' kotba stampati jibqgħu għoljin ħafna, ras għal ras, meta mqabblin mal-istess sforz li jagħmel




pubblikatur barrani. Dawn l-ispejjeż tal-produzzjoni jkunu mifruxa fuq għexieren ta' eluf tal-istess ktieb stampat barra minn Malta, u allura ras għal ras il-ktieb joħroġ ferm u ferm irħas meta mqabbel mal-ktieb Malti.

**X'soddisfazzjonijiet jagħtik xogħol bħal dan?**

Kważi daqs qisek wellidt tarbija! Kull ktieb li finalment tarah f'idejk, lest, jagħti sodisfazzjon kbir lil dawk kollha li jkunu nvoluti fil-proċess. Dejjem naħseb kif aħna għad jagħlqilna ċ-ċens u mmorru d-dinja l-oħra, imma dal-kotba li nipproduċu, bil-ħila u l-galbu ta' nies fil-libreriji, se jibqgħu tista' tgħid sal-aħħar tad-dinja!

**Horizons u l-kuntatti tagħha mal-pubbliku qarrej? X'qed tagħmel biex tqarreb iktar il-poplu Malti lejn il-qari u tħajru jaqra u jixtri iktar il-ktieb Malti?**

Għandna grupp ta' qarrejja leali ħafna, oħrajn li rbaħniehom maż-żmien meta bdew jaraw li qed noħorgu kotba ta' kwalità. Nagħtu kas ħafna tar-relazzjonijiet pubbliċi biex lill-qarrej Malti u Għawdxi nżommuh aġġornat. Kuntenti ħafna bil-qarrej li jfittixna minn żmien għal żmien biex jiċċekkja x'kotba ġodda ħriġna.

**X'inhi r-relazzjoni ta' Djar tal-Pubblikazzjoni bħal Horizons u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb? Inizzjattivi li qed jaħdmu u oqsma li jistgħu jitjiebu f'dan ir-rigward?**

F'dawn l-aħħar snin ittieħdu inizzjattivi kbar mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, sforz li qed jintwera meta sena wara sena jkompli jikber il-Festival tal-Ktieb li jsir kull Novembru. Sintendi, hemm għadd ġmielu ta' inizjattivi oħra tal-Kunsill b'risq il-ktieb Malti, il-qarrej u l-pubblikatur.

## ID-DISKORS TA' VICTOR FENECH WARA L-GĦOTJA TAL-MIDALJA 'ĠIEĦ L-AKKADEMJA TAL-MALTI', SAN ANTON, 14.11.2019

Eċċellenza, Presidenta tal-Akkademja, Sinjuri, inħossni grat ħafna li f'din id-99 sena mit-twaqqif storiku tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum L-Akkademja tal-Malti, ingħażilt jien biex nirċievi din il-Midalja bħala rikonoxximent tal-ħidma twila tiegħi fil-qasam letterarju. Fi żmieni l-Liċeo l-Ingliż kien is-suġġett favorit tiegħi, u l-Malti ftit li xejn. Imma meta dħalt għall-BA fi żmien l-Università tal-Belt ridna nagħżlu tliet suġġetti, u jien għażilt l-aktar suġġetti għal qalbi, l-Ingliż u l-Istorja, u domt ħafna ntella' u nniżżel x'se nieħu bħala t-tielet suġġett. U fl-aħħar għażilt il-Malti...

Qatt ma bsart li matul il-kors kelli nibda ninnamra mal-Malti bl-akbar serjetà! Wasalt sal-punt li fi tmiem il-kors iddeċidejt li noħroġ l-ewwel xogħlijiet tiegħi u nħajjar tlieta oħra mill-istess kors biex flimkien niffurmaw l-ewwel ġabra *Kwartett*.

Il-ħajra għall-poeżija bdietli meta kont għadni student il-Liċeo. Fil-lezzjoni tal-letteratura kont noqgħod ferm attent u nistaqsi ta' sikwit. Darba Mr. Glass, hu u ħiereġ mill-klassi, waqaf mal-bank tiegħi u qalli "Fenech, you do feel the poetry, do you?" U dak il-ħin stess ħassejt xi ħaġa ġo fija tgħidli li 'l quddiem se jkolli x'naqsam ħafna mal-poeżija. U hekk seħħ, b'disa' ġabriet bil-Malti u tlieta bl-Ingliż. Dan minbarra tliet kotba ta' proża u ma nafx kemm-il ktejjeb fil-qasam tal-letteratura għat-tfal. Imma l-aktar li jafuni fil-qasam tal-poeżija hu naturalment matul iż-żmien twil li l-MUT ħatruni editur ta' Sagħtar.

Ippermettuli naqra n-nru. 30 minn ħamsin poeżija bl-isem ġeneriku *Imrieżaq fi Tmiem il-Jum* :

Meta kont student  
nistudja l-Palgrave's  
ħsibt, "La nikber  
poeta nixtieq inkun."  
U leħen ġewwieni fesfisli,  
"Attent!"

Meta kbirt u sirt poeta  
l-istess leħen erġajt smajt,



**Ritratt: Victor Fenech qed jirċievi l-Midalja "Ġieħ l-Akkademja" mill-E.T. il-President ta' Malta, Dr. George Vella. Tidher ukoll il-presidenta tal-Akkademja, Ann Marie Schembri, l-ewwel mara li okkupat din il-kariga prestiġjuża mindu twaqqfet l-Għaqda fl-1921. DOI, Omar Camilleri**

did-darba b'ton ambigwu,  
"Kuntent...!?"

Għax il-poeżija mhijiex sempliċi delizzju; il-poeżija titwieled f'taħbit il-ħajja u tinħema maż-żmien fuq il-forġa tal-kliem. Ħajja dedikata għall-kitba għallmitni sew xi tfisser il-poeżija.

L-istess produzzjoni fiżika tal-ktieb kien namur ieħor tiegħi, u wara l-kors f'Londra f'dan il-qasam ma qtajtx nippjana u neditja diversi pubblikazzjonijiet: il-kotba tiegħi, ta' bosta kollegi, u anki ta' entitajiet privati. Għamilt ukoll żmien nieħu ħsieb il-pubblikazzjonijiet tal-Università sakemm tlift posti għal favorit ta' ċertu Ministru.

Imma ħa mmorru lura għas-snin Sittin u l-formazzjoni tal-Moviment Qawmien Letterarju. Xprunat minn artikolu ta' Oliver Friggieri, il-Moviment beda jiftaħ triqat ġodda f'temi u stili aktar aġġornati mal-ispirtu tas-Sittinijiet. U hawn xi membri tal-Akkademja ma tantx rawna ħelwin – imma aħna konna tlajna nistudjaw ix-xogħlijiet tagħhom u bqajna nirrispettawhom, u l-'freeze' (biex insejħulha hekk), għad li tawlet mhux ftit, maż-żmien fieqet b'mod naturali. Fuq kollox huma kienu li fasslu l-panorama lingwistika-letterarja Maltija. Nemmen u nittama li l-awturi kollha, tal-lum u ta' għada, għandhom ikunu grati lejn dawn il-pijunieri li fetħulna t-triq.

Sitt snin ilu Dr Olvin Vella ċempilli u laqqagħni ma' xi kittieba oħrajn biex iħajjarna nikkontestaw għall-kumitat il-ġdid. U tant kien perswasiv li lkoll

aċċettajna. Min kellu jgħidilna li f'erba' snin flimkien, b'Olvin president u b'segretarju ħabrieki bħal Joe Borg, kellna ntellgħu daqstant xogħol, fosthom it-twaqqif ta' din il-midalja prestiġjuża 'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti' li waqqafnieha biss meta sibna xi ostakli biex nerġgħu inqajmu l-'Midalja Ġużè Muscat Azzopardi'.

Nerġa' naqleb is-suġġett u nidħol f'punt personali. Bħala awtur għandi l-kritiċi tiegħi, u nirrispettahom u napprezza l-interess. Imma xi poeżiji jew novelli tiegħi ġieli jkunu fil-qasam soċjopolitiku u sikwit insib min jipprova jpoġġini fil-guva ta' partitarju jew għadu, skont fuq liema naħa politika jkun inklinat hu. Jien din niċħadha kompletament. Mhux biss, imma nidikkjara ruħi dejjem favur l-ambjent naturali u l-ġustizzja soċjali, u nappoġġja kwalunkwe partit li jirrispettahom.

Sena ilu l-Prof Charles Briffa kiteb l-ewwel ktieb kritiku fuqi, *Fl-Arena ta' Moħħu*, u staqsieni niċċara l-pożizzjoni tiegħi f'dan ir-rigward. Bgħattlu tweġiba li tibda hekk: "Il-politika tribali tal-partiti Maltin nistmerrha imma ma nistax naħrabha. U għax tiddeterminali ħajti għandi d-dritt nikkummenta fuqha u anki nikkritikaha" – naturalment dejjem bi prudenza, ħaġa li tiddettalek l-istess natura ta' kittieb. Mela mhux kull awtur huwa kronista ta' żmienu, anki inkonxjament? Hekk jagħtini x'nifhem l-alter ego tiegħi fil-poeżija *Int* bi tweġiba għall-poeżija *Jien* li tagħlaq bil-vers 'Jien... min jien?' It-tweġiba ...

Inti ċittadin ta' dil-pjaneta u werriet tal-Univers,
Inti Malti-Ewropew-Mediterranju,
wild ix-xamma tal-baħar u l-għelieqi tan-nanniet.
L-ispirtu tiegħek laburist-nazzjonalist - u
la inti Laburist lanqas int Nazzjonalist.

Nagħlaq billi nsellem lil missirijietna li bnew din l-art ħelwa u dan l-ilsien uniku, li mhux dejjem qed nieħdu ħsiebhom kif jixraq.

Fl-aħħarnett niżżiħajr lill-familja tiegħi tal-paċenzja li jieħdu bija dejjem ganċ fuq l-iskrivanija; lill-bord tal-għażla fi ħdan l-Akkademja tal-ġieħ li għoġobhom jagħtuni; u lill-Eċċellenza Tiegħu Dr George Vella, President ta' Malta, li hu ħabib sinċier tal-Malti u qed joffrilna l-użu ta' dan il-palazz storiku għal uħud mill-attivitajiet tagħna. U grazzi lilkom kollha talli ġejtu, minkejja impenji oħrajn.




## *IL-QILLA TAL-GWERRA FUQ GĦAWDEX 1940-1943* TAL-POETA GĦAWDXI CHARLES BEZZINA

**Jikteb il-Kav. Joe M. Attard**

Ma naħsibx li qatt kien hawn awtur Għawdxi li xi darba rnexxielu jagħtina f'idejna ktieb daqstant voluminuż dwar il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex bejn is-snin 1940 u l-1943. Iżda dan għamlu dan l-aħħar il-Poeta Għawdxi Charles Bezzina li tana l-edizzjoni l-ġdida mkabbra f'mhux inqas minn 600 paġna. Din il-pubblikazzjoni hija ġabra taż-żewġ kotba *Il-Qilla tal-Għadu fuq u madwar Għawdex 1940-1943* (1977) u *F'Għawdex fi żmien il-Gwerra* (1981) ta' Frank Bezzina u t-tieni edizzjoni ġdida u mkabbra *Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-1943* ta' Frank Bezzina li ġiet ippubblikata fis-sena 2000. Ċert li biċċa xogħol bħal din kienet titlob ħafna ħin twil ta' riċerka u spejjeż mhux żgħar, iżda grazzi għal BOV, Charles irnexxielu jdaħħal il-bastiment tiegħu fil-port u issa għandna f'idejna xhieda tal-għaġeb ta' dak kollu li kellu jġarrab Għawdex matul dawn it-tliet snin ta' gwerra li lill-poplu kienet litteralment niżżlitu għarkubbtejh bħalma forsi qed tagħmel bħalissa din

l-epidemija tal-Coronavirus. Kif kien xieraq dan il-ktieb huwa ddedikat "Lill-Għawdxin vittmi tal-Gwerra" u Charles bla dubju jibda biex irodd ħajr lil-lista kbira ta' persuni li għenuh sakemm wasal biex jippubblika dan il-ktieb hekk voluminuż li għall-bidu forsi taqta' qalbek li taqrah, imma kif tibda tqalleb l-ewwel paġni tiegħu mill-ewwel tinduna li hawnhekk għandek minjiera ta' informazzjoni interessanti minn xiex kellha tgħaddi din il-gżira tagħna sakemm daqqet l-aħħar sirena.

Meta Frank Bezzina, missier Charles, kien ra l-ktieb *The Second Great Siege of Malta 1940-1943* tat-tabib Dr Charles Boffa, mill-ewwel instema jgħid, 'imma fuq Għawdex kif ħadd ma kiteb xejn!' U mill-ewwel medd għonqu għax-xogħol u beda jdur m'Għawdex kollu jiġbor il-materjal. Bezzina kien ukoll iħobb imur fejn jaqa' xi ajruplan jew taqa' xi bomba tal-għadu mhux biss biex jara x'ġara imma wkoll biex jieħu miegħu lejn id-dar dik il-biċċa splinter, xi biċċa mill-ajruplan jew xi fdal ta' xi paraxut u jinnota dwarhom. Mur għidlu li biż-żmien kien se jippubblika wkoll ktieb dwar hekk! Dan kien fl-1977. Tlieta u għoxrin sena wara, Frank Bezzina ħareġ bit-tieni ktieb tiegħu *F'Għawdex fi Żmien il-Gwerra* u li marru fi żmien qasir l-elf kopja li kien ippubblika. Għadda ż-żmien u ibnu Charles, għalkemm il-Poeżija teħodlu ħafna mill-ħin tiegħu, ix-xogħol ta' missieru qatt ma warrbu fil-ġenb, u maż-żmien ġabar dawn iż-żewġ volumi flimkien f'edizzjoni riveduta u mkabbra.

L-ewwel taqsima ta' dal-ktieb hija djarju ta' Għawdex fil-Gwerra jew ta' dak kollu li hemm fl-ewwel ktieb tiegħu *Il-Qilla tal-Għadu Fuq u Madwar Għawdex*, u aktar. Fiha hemm kronoloġija dettaljata b'avvenimenti separati dwar kull ċaqliqa li l-għadu tista' tgħid għamel fuq Għawdex u l-konsegwenzi li ħalla. Ma' dawn hemm ukoll dettalji tal-mini rrapportati, ta' ġrajjiet li seħħew f'Għawdex, u ta' persuni li ndarbu jew mietu taħt ir-rovini ta' darhom. Xi dispożizzjonijiet li saru minħabba l-gwerra, u li jinsabu biss imsemmija fl-ewwel taqsima bħala parti mill-kronoloġija, fit-tieni taqsima jiġu miftuħa iktar.

It-tieni taqsima ta' din l-opra storika u letterarja, "Għawdex fil-Gwerra" hija waħda iktar interessanti u turi l-impatt li l-Gwerra ħalliet fuq il-gżira tagħna. Hawnhekk naqraw dwar il-qagħda soċjali ta' ħutna l-Għawdxin u nsibu minjiera ta' tagħrif dwar il-forzi tad-difiża li twaqqfu u dwar diversi ħwejjeġ oħra. Billi l-ġenerazzjoni tan-nies li jiftakru l-Gwerra qiegħda dejjem tonqos (ngħid għalija jien ma naf xejn għax twelidt fl-1 tas-sena 1946), Charles idaħħal dettalji oħra biex jagħti stampa ċara lil dawk li ma jiftakrux jew bħali qatt ma għexu l-Gwerra. Minn tagħrif ieħor u kitbiet mhux kompluti li kien ġabar missieru wara li kien ħareġ il-kotba tiegħu, Charles Bezzina rnexxielu, wara iktar riċerka, jgħaqqad u jsawwar kapitli ġodda kif jista' jara kull min jixtri dan il-ktieb. B'hekk għall-ewwel darba jinsabu ppubblikati l-kapitli dwar ir-Rediffusion f'Għawdex, il-Black Market, is-Sajjieda Għawdxin fi żmien il-Gwerra, il-Bdiewa Għawdxin fi Żmien il-Gwerra, il-prekawzjonijiet għall-Attakki mill-ajru f'Għawdex, il-Knisja u l-Festi f'Għawdex fi Żmien il-Gwerra, l-isptarijiet ta' Għawdex fi Żmien il-Gwerra, is-Servizz tal-Vapur u tad-Dgħajjes fi Żmien il-Gwerra. Minn għadd ġmielu ta' ittri ppubblikati f''Il-Berqa' ta' dak iż-żmien, u li jidhru f'dan il-volum għall-ewwel darba, il-qarrejja issa jistgħu jieħdu idea ċara dwar l-impatt li l-Gwerra ħalliet f'Għawdex u kemm ekonomikament u kemm psikoloġikment l-Għawdxin inħakmu mill-konsegwenzi li ġabet magħha l-gwerra.

Charles Bezzina jgħidilna li f'din l-edizzjoni qagħad ħafna attent biex jibqa' fidil lejn l-istil ta' missieru, stil mexxej daqskemm dettaljat li huwa reġa' rreveda mill-manuskritti ta' missieru b'attenzjoni kbira. Żamm ukoll il-lingwa oriġinali tagħhom, kwotazzjonijiet u tagħrif li huwa silet minn dokumenti, manuskritti u minn diskorsi, mistoqsijiet u tweġibiet li kienu saru fil-Kunsill tal-Gvern. F'din l-edizzjoni l-ġdida Charles Bezzina nkluda wkoll referenzi, annotamenti u statistiċi flimkien mar-rakkontar ta' missieru. Ġabar ukoll informazzjoni li personalment fittex bil-permess mill-okkorrenzi tal-Pulizija, mid-dokumenti tal-Isptar Victoria, mir-Reġistri tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, is-Sanità, u mil-Log Books tal-iskejjel. Qalleb ukoll il-Parliamentary Debates u għadd ta' rivisti. Fi ftit kliem Bezzina Junior amalgama dawn iż-żewġ kotba preċedenti tiegħu f'Edizzjoni ġdida u aġġornata taħt l-isem *Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-1943*. Nisttgħu ngħidu li issa għandna f'idejna ktieb wieħed imkabbar u rivedut b'libsa professjonali.

Fuq talba ta' dawk li jħobbu jaqraw dwar Għawdex fil-gwerra, issa għandna dan il-ktieb b'żieda sostanzjali, imkabbar mill-ġdid b'ħafna riċerka, b'ħafna iktar ġrajjiet, fatti u dettalji. Charles Bezzina

jżid jgħid  li għarbel l-ewwel taqsima, żied tagħrif importanti u ta' interess, mess kważi kollha l-kapitli tat-tieni taqsima, aġġornahom  b'ħafna tagħrif ġdid li kixef sal-lum, żied il-materjal, ir-referenzi, u daħal iktar fl-aspett u fl-impatt soċjali tal-poplu tagħna f'dawk iż-żmenijiet imwiegħra.  Għalkemm it-Tieni Gwerra fl-Ewropa bdiet f'Settembru 1939 u spiċċat f'Mejju 1945, għalina f'dawn il-gżejjer nistgħu ngħidu li bdiet  fil-11 ta' Gunju 1940 u spiċċat meta l-Italja ċediet f'Settembru 1943. Hemm pereżempju ħafna tagħrif ġdid dwar ix-xeltrijiet, dwar dak l-ajrudrom li kien inbena f'Għawdex,  dwar ir-refuġjati Maltin f'Għawdex, il-Ħajja f'Għawdex qabel il-Gwerra, il-Pro-Taljani f'Għawdex fi Żmien il-Gwerra, l-Ordnijiet tas-Sorijiet Maltin fostna, Mini u Sottomarini madwar Għawdex fi Żmien il-gwerra.

Inħosssni ċert li kull qarrej u studjuż tal-Istorja għandu jsib dan il-volum tal-Melitensia tabilħaqq interessanti u ta' siwi dokumentarju kbir.  In-numru kbir ta' referenzi li magħhom se jiltaqa' huma xhieda tar-riċerka vasta u kbira li saret biex inkiteb dan il-ktieb tul medda ta' ħafna u ħafna snin.  Nemmen li din il-pubblikazzjoni se timla vojt u baħħ kbir  fl-Istorja tat-Tieni Gwerra f'Għawdex u għad tibqa' bħala tifkira dejjiema ta' dawk l-Għawdxin li ġarrbu, sofrew u mietu taħt il-qilla tal-Gwerra.

Naħseb li din l-edizzjoni l-ġdida sejra timla l-vojt fl-istorja ta' Għawdex matul l-Aħħar Gwerra.  Dan il-ktieb mhux intenzjonat li jsemmi l-bosta avvenimenti xejn sbieħ li ġraw f'Malta fi żmien il-gwerra u li dwarhom inkiteb bosta.  Lanqas ma hu maħsub biex b'mod ġenerali juri l-iżvilupp u l-mixja tal-Gwerra fl-Ewropa, imma huwa limitat biss għal dak li ġara f'din id-daqsxejn ta' gżira.  Mhux xi ktieb dwar xi ġrajja mistħajla, imma pubblikazzjoni ta' siwi dokumentarju dwar dak li ġara f'Għawdex fi żmien il-Gwerra.  Huwa ktieb ta' referenza li nemmen għandu jsib postu fuq l-ixkafef tal-Melitensia. Fl-aħħarnett, huwa ktieb mitbugħ fuq l-għatba tat-Tielet Millenju li juri r-realtà ta' dak li ġarrbu n-nanniet tagħna madwar sittin sena ilu, żmien il-hemm u n-niket!  Prosit lil A & M Printing tal-Qala li daħlu għal biċċa xogħol impenjattiva bħal din.




**_IL-LUNZJATA TA' GĦAWDEX_ ta' Karm Borg, Knisja tal-Lunzjata/Ministeru għal Għawdex; Għawdex Gozo Press 2020, 144 paġna**

**Jikteb Dun Geoffrey G. Attard**

Monsinjur Karm Borg, ir-rettur tal-Knisja tal-Lunzjata fil-limiti tal-Belt Victoria u saċerdot-studjuż u awtur ta' diversi kotba mill-parroċċa ta' Kerċem, għadu kemm tana l-aħħar ktieb tiegħu li huwa studju riċerkat dwar il-Knisja li tagħha ilu rettur għal dawn l-aħħar tnax-il sena flimkien ma' ħafna tagħrif interessanti dwar l-ambjent li jdawwarha.

Il-ktieb li għandna f'idejna huwa tassew teżor tal-istorjografija.  L-ewwel nett irridu ngħidu bla tlaqliq li hija ħaġa tal-iskantament kif ħadd s'issa ma kien ħadha f'idejh li jistudja l-istorja antika tal-knisja ċkejkna mħaddna fil-blat fil-wied pittoresk tal-Lunzjata, liema wieħed kien ispira lill-avukat-poeta minn Ħal-Qormi Ġorġ Zammit, l-awtur ta' poeżija immortali dwar dan il-post li jsaħħar.  Il-wied tal-Lunzjata huwa, kif jirrakkonta wisq tajjeb Borg, 'il-

ġnien tar-Rabat'. Imma kif ikompli jgħidilna Borg, il-wied tal-Lunzjata huwa wieħed mill-isbaħ żoni li nsibu f'Għawdex. Imħaddan bejn l-irħula ta' Kerċem fuq naħa u dak tal-Fontana u l-Munxar fuq in-naħa tal-oħra, il-wied tinżel għalih minn wara l-Knisja Konventwali ta' Santu Wistin u l-monasteru antik tal-Agostinjani fil-punent tal-belt il-qadima tar-Rabat. Kien wied ta' importanza kbira meta tqis li kien il-favorit tal-Gran Mastri, li kienu prattikament il-prinċpijiet ta' Malta. Imqar id-daħla sabiħa għall-wied inbniet biex tfakkar wieħed mill-gran mastri u l-istess huwa l-każ għall-għajn tal-ilma fit-tarf t'isfel tal -wied.

Il-knisja tal-Lunzjata hija sempliċiment antikissima; hija waħda mill-knejjes trogloditi jiġifieri l-knejjes imħaffra fl-għerien u din hija prova tal-istess qedem tagħha. Tmur lura mill-inqas għas-seklu erbatax u l-fatt li din iż-żona kienet imsejħa 'il-Fewdu tas-Saqqajja' għax kienet propjetà tal-Prinċipessa Sibilla ta' Aragona jkompli jqiegħed lil Għawdex fil-kuntest usa' tas-saltna taż-żewġ Sqallijiet li minnha għal diversi snin il-gżejjer tagħna kienu jagħmlu sehem. Il-kapitlu dwar it-tnissil u l-iżvilupp tad-devozzjoni lejn il-Misteru tal-Inkarnazzjoni marbut hekk ħaġa waħda mas-solennità tat-Tħabbira ċċelebrata fil-25 ta' Marzu, liema festa għaddiet biex titqies minn waħda Kristoloġika għal waħda anki Marjoloġika, jiswa mitqlu deheb fih innifsu anki għall-manjiera ta' kif inhu miktub. Wieħed japprezza wkoll l-appendiċi bil-kurunella antika u l-istess biblijografija, li mingħajrha il-ktieb kien ikollu xi ħaġa nieqsa.

*Il-Lunzjata Ta' Għawdex* huwa ktieb sabiħ ferm fil-preżentazzjoni tiegħu imma prezzjuż wisq aktar għall-kontenut tiegħu li huwa ċertament frott diversi snin ta' ħidma u frott imħabba kważi patrijottika lejn dan l-iċken santwarju Marjan tal-gżira tat-tliet għoljiet.




## *L-AĦĦAR BATTUTI (1998 – 2020)* ta' Andrew Sciberras

**Jikteb Alfred Palma**

Fit-tliet ġabriet poetiċi tiegħu *Il-Vjaġġ Poetiku*, *El Duende* u *Rikorrenza Eterna*, Andrew Sciberras wera l-ħila enormi tiegħu f'dik li hi poeżija b'differenza, poeżija ta' intensità sublimi, u f'din l-aħħar pubblikazzjoni tiegħu *L-Aħħar Battuti (1998 – 2020)* din il-ħila issiġillaha; anzi nżid ingħid li din id-darba issokta joħroġ aktar 'il barra mill-poeżija per se biex jagħtiha xeħta kważi estatika u jferrixha f'dimensjoni mill-isbaħ ta' ħjiel metafiżiku.

Dan il-ktieb voluminuż ta' 410 paġna, kif tarah, ukoll qabel ma tiftħu, jiġbidlek l-attenzjoni bil-mod pulit u eleganti li bih ġie stampat mill-Progress Press, u fuq kollox ħajr għall-qoxra mlewna u fantastika tal-pittur internazzjonali Gerald Stricher.

Fl-ewwel parti tal-ktieb insibu 144 poeżija li

Sciberras kiteb bejn l-1998 u l-2020; poeżiji bil-Malti imżewqin kultant b'oħrajn bl-Ingliż, b'noti dettaljati u siewja, u spiss b'kummenti validissimi minn Tarċisju Zarb. Fil-biċċa l-kbira ta' dawn il-poeżiji tinħass mill-ġdid l-influwenza filosofika ta' Nietzsche u l-ħsibijiet profondi u spiritwali li bihom Sciberras idieher u jżid isebbaħ il-qawwa ta' vrusu, l-ansjetà li tkiddu, it-tama li tagħtih il-forza, ix-xewqa tremenda għall-ħarba mir-realtà kiefra tal-ħajja!

Wara dawn l-144 poeżija, waħda isbaħ mill-oħra, Sciberras jgħaddi għall-Istudji Kritiċi minn *Samsara* sa *Rikorrenza Eterna*: dwar *Samsara*, *Noti tad-Demm*, *Waqtiet fis-Skiet*, *Traġitti*, Frammenti *minn Moħħi* u *Awtoskatti* kiteb Oliver Friggieri, dwar *Mill-Eżilju ta' Ruħi* Patrick Sammut, dwar *Katarsi* Achille Mizzi, dwar *El Duende* Tarċisju Zarb u dwar *Rikorrenza Eterna* Charles Briffa.

Imbagħad ngħaddu għal Xi Riċensjonijiet dwar il-poeżija u l-letteratura ġenerali ta' Sciberras minn Alfred Palma, Anton Sammut u Tarċisju Zarb. Isegwu Kummenti minn Tliet poeti: Oliver Friggieri, Achille Mizzi u Mario Azzopardi.

Il-ktieb jagħlaq bi studji kritiċi annotati minn Sciberras innfisu dwar il-poeżiji ta' 14-il poeta ieħor: Carmel Attard, Achille Mizzi, Mario Azzopardi, Daniel Massa, Charles Briffa, Raymond C. Grech, Michael Zammit, Gioele Galea, Jonathan Balzan, Louis Briffa, Carmel Scicluna, Tarċisju Zarb, Patrick Sammut u Melanie Camilleri.

*L-Aħħar Battuti* huwa ġawhra mill-isbaħ li żżid iżżejjen il-Letteratura Maltija u tissokta tgħolliha kemm f'dak li hu ġmiel artistiku kif ukoll f'dik li hi tifsira ta' x'inhi verament il-poeżija, is-seħer spiritwali tagħha, li jittajjar bħal gawwija f'wiċċ is-sema u jinfirex f'kull dimensjoni li tista' titfittex biex thenni u tpaxxi lir-ruħ!

Min irid kopja tal-ktieb jista' jikkuntattja lil Andrew Sciberras fuq l-email andrewsciberrasartist@gmail.com




## *APORIJA* ta' Rigu Bovingdon (It-tieni edizzjoni)

**Jikteb Alfred Degabriele**

Meta ħabibi Rigu Bovingdon għoġbu jiġi għandi - kif għamel kemm-il darba kull meta reġa' ġie mill-Awstralja jżur Art Twelidu – biex jagħtini kopja tal-aħħar ktieb tiegħu *Aporija* (it-tieni edizzjoni), ma stajtx ma mmurx lura fiż-żmien, ħafna snin ilu, meta kien ġie għandi għall-ewwel darba.

Dakinhar kien ġie jiltaqa' miegħi biex ngħinu jibda jippubblika "Ix-Xefaq", ktejjeb/magażin letterarju bil-ħsieb li jxerred fl-Awstralja kull numru li joħroġ. U hekk kien ġara. Kien ħafna iżgħar mil-lum, bħalma kont jien, mimli b'ħafna entużjażmu biex ikattar l-għarfien u l-imħabba, mhux biss lejn Art Twelidna, iżda wkoll lejn Ilsien Art Twelidna, il-Malti. Jien ukoll, li kont wieħed mill-ko-fundaturi tal-Moviment Qawmien Letterarju, fraħt li, ukoll lil hinn minn

xtutna, fl-Awstralja, kien hemm min il-Malti u l-Letteratura Maltija jħobbhom daqshekk. Konna fi żmien meta, li titkellem jew tikteb bil-Malti, anki fl-iskejjel, ma tantx kont tkun hekk popolari jew stmat wisq. Imma għal sieħbi Rigu li tgħum kontra kull kurrent ma kienx qed jaqtagħlu qalbu. U mal-medda tas-snin, ħafna snin, xejn ma xekklu, minkejja kollox: ġiri, vjaġġar, infiq ta' flus. Qed ngħid dan kollu għaliex illum hawn uħud li lil Bovingdon jafuh biss mill-qoxra ta' barra: bħala dak li jikteb (u, forsi, dak li kien ikanta, fl-Awstralja). Ftit huma dawk li lil Bovingdon jafuh minn ġewwa, bħalma nafu jien: l-istinkar tiegħu biex ixerred u jżomm mixgħula l-fjamma ta' lsienna tħeġġeġ ġewwa f'dak il-kontinent hekk kbir u 'l bogħod minn Malta.

It-tieni edizzjoni ta' *Aporija* hija bil-wisq isbaħ, akbar u aktar informattiva: għalija hija qisha l-*opera omnia* tiegħu. Fiha jiġbor kollox: sal-inqas tagħrif li wieħed irid ikun jaf fuq Rigu Bovingdon. Fiha nsibu tagħrif bijografiku, u elenku sħiħ ta' x'għamel matul is-snin u ta' kull għarfien li ngħatalu.

Meta qallibt dan il-ktieb voluminuż, stajt immur lura lejn meta kien ħareġ l-ewwel edizzjoni ta' *Aporija*, u fih sibt tliet studji minn tliet kittieba (fosthom tiegħi stess) dwar l-esperjenzi u l-kitbiet ta' Bovingdon. Naħseb li bejnietna, aħna li ktibna dwar dik l-ewwel edizzjoni, konna ħriġna l-elementi kollha li jsawru 'l Bovingdon kemm bħala kittieb, bħala professjonist, iżda l-aktar bħala bniedem li jħoss u li jixtieq li l-affarijiet dejjem isiru aħjar.

Iżda x'hemm ġdid f'din it-tieni edizzjoni ta' *Aporija* ta' Bovingdon? Minbarra t-tliet studji dwar kitbet Bovingdon li semmejna aktar 'il fuq, insibu ħafna aktar poeżiji miżjuda fiha li jkomplu jqiegħdu lill-kittieb f'dawl aktar ċar: l-isforzi li għamel biex iżomm l-Ilsien Malti ħaj fost l-emigranti Maltin fl-Awstralja, mhux biss permez ta' poeżiji bil-Malti, iżda wkoll bl-Ingliż u bit-Taljan; kif ukoll permezz tal-għana Malti – għana li jwassal messaġġ ċar ta' fejn hija qalbu, ta' x'inhuwa l-ħolm ta' dan bin Malta tagħna.

F'din l-edizzjoni nsibu tnax-il taqsima kontra l-għaxra li kien hemm fl-ewwel edizzjoni. Fihom insibu b'kollox madwar 310 poeżija (li fosthom 28 huma bl-Ingliż u 14 bit-Taljan). Kitba b'Malti mill-aħjar kif ukoll mill-ifjen fl-ilsna l-oħra. Minbarra dan, hemm 20 kanzunetta li fihom ma jonqsux il-messaġġ li dejjem u kullimkien Bovingdon ried ixerred: li l-Malti m'għandniex għalfejn nistħu nitkellmu bih. Il-messaġġ li darba l-poeta tal-Kelma Maltija, Patri Anastasju Cuschieri, ried iwassal, insibuh għadu jgħodd u bil-provi: f'idejn imħarrġa l-ilsien Malti jibqa' sabiħ u mexxej. Hekk naraw fil-bosta poeżiji li jagħtina Rigu Bovingdon f'din it-tieni edizzjoni ta' *Aporija*.

Messaġġi ta' kulur, mesaġġi ta' twemmin, messaġġi ġenwini ta' bniedem li bħal jixtieq jara li l-ħolma tiegħu li l-Malti - kemm f'Malta iżda l-aktar fit-tieni art tiegħu, l-Awstralja – ma jintesiex, ma jgħibx bil-mod il-mod bħal berqa li għall-ewwel tinstema' qawwija u li mbagħad forsi tintesa bħallikieku qatt ma kienet xejn. U din in-nostalġija u l-weġgħa nħossha fil-fond ta' wħud mill-poeżiji patrijottiċi ta' Bovingdon. B'hekk dan il-ktieb inqisu t-testment ta' dan il-poeta li issa m'għadux żagħżugħ u, bħalma jiġri sikwit u kif sikwit jiġrilu kull poeta ġenwin (kif għanna Dun Karm fil-poeżija "L-Għanja tad-Disgħin"), iħares lura u jara t-triq twila li minnha għadda u li ma kinitx ħafifa. Sikwit b'sodisfazzjon, sikwit b'xi demgħa nostalġika, jerġa' jiftakar x'għamel u kemm xtaq jagħmel aktar.

Għal Bovingdon, il-poeżija hija l-bieb u l-muftieħ li jiftħu biex jimraħ f'oqsma li hu stess qatt ma basar fejn kienu se jiħduh. Il-professjoni tiegħu laqqgħetu ma' nies li kellhom bżonn il-kura: fil-poeżija l-poeta jixref lejn ħutu l-Maltin, xi kultant jitħassar xi drawwiet u jgħidilna x'jaħseb li jrid isir biex nibqgħu nħossu dak li aħna tassew meta jidhirlu li l-ideal beda kulma jmur jonqos u jibred. Iżda s-sabiħ jarah, iqimu, jifraħ bih u jgħożżu dejjem. Jisbel meta għal xi raġuni jitqies barrani f'pajjiżu stess.

F'din it-tieni edizzjoni nsibu żieda ta', bejn wieħed u ieħor, mitt poeżija li ma ssibhomx fl-ewwel edizzjoni. Lili jolqtuni poeżiji bħal "Fejn jimraħ il-moħħ", li bħal f'poeżiji oħra - "Meta l-aħħar dawl jintefa'", "Minkejja l-qerq", "Appena l-għatu" u "Qabel ma d-dawl jintefa'" - il-poeta jagħmel eżerċizzju mentali u jistudja xenqet il-bniedem li jgħix għal-lum biss bla xejn ma jieqaf ftit u jaħseb lejh innifsu u x'inhu li jiddistingwih minn affarijiet oħra, bħal dak li qisu qed jeżisti biss u jgħanni m'oħrajn, f'sakra ma tarax art, *gaudeamus igitur* u xejn aktar. Janalizza l-kobor u l-misteru tal-ħolqien, x'jista' jiġri 'l quddiem, l-għarfien tas-sewwa. Iżda jħossu żgur li meta jmut se jibqa' jħoss l-ambjent Malti u jtenni x'jixtieq qabel mewtu.

Imbagħad f'uħud mill-poeżiji ta' Bovingdon niltaqgħu ma' dawk b'laqta psikoloġika li ddaħħlek fik innifsek, tħassbek u ġġiegħlek tieqaf taħseb. Il-poeżiji "Fil-kelma l-ġieħ", "Kemm tinżel ħelwa", "Veru?", "Ruħ mitlufa" u "Għarrixt fi triq il-għerf" iġagħluk tara l-qawwa tal-kelma għax "Ma tispiċċa qatt", il-qalb ħanina, u jistaqsi għaliex tassew hu twieled. Meta jżur xi tempju neolitiku tagħna jew jaħseb fuqu, il-poeta jistħajjel jara l-erwieħ tal-antenati li żaru u għammru f'dak l-imkien. Imbagħad, fil-poeżija "Għarrixt fi triq il-għerf" b'laqta awtobijografika (minkejja li tgħodd għal kull wieħed u waħda minna) jgħidilna x'ħass dejjem f'ħajtu, kemm ħolm ġie u tar mar-riħ u l-illużjoni kollha li ħakmitu u li ħafna drabi jgħix biha kull bniedem.

Il-poeta huwa xort'oħra. Fil-poeżija "Tal-poeta it-turment", Bovingdon jgħidilna b'emfasi liema bħalha li l-poeta "Jogħtor! Jogħla! Jisker! Jibki" u jkompli "Dejjem miexi bla ma jgħajja" u, għalkemm triqtu twila, "Għaddej waħdu tul il-ġrajja". Fil-poeżija "Qalb ta' poeta", Bovingdon jara kif ħafna drabi l-bniedem juża l-kelma u l-ħsieb u xejn aktar. Iżda l-poeta jtir 'il fuq bi ħsibijietu u jgħannaq f'qalbu lil kulħadd u kollox.

Madanakollu, kollox jintesa meta jitgerbbu s-snin. F'dan in-nuqqas ta' sens fil-bniedem u fi mġibtu, jinżel il-minġel taż-żmien u, bħas-skiet wara l-maltemp, kollox inessi. Ukoll il-memorji ta' kull bniedem; bħal ċagħqa mitfugħa minn tifel fil-baħar, tgħib u ma tinstabx aktar.

Rigu Bovingdon ma kitibx biex ikun kiteb: kiteb għax ħaseb; kiteb għax ħass; kiteb għax ta ħarsa madwaru u ra bħal f'mera dak li hu u dak li seta' jkun li kieku l-bniedem kien ħassieb profond bħalu. L-imħabba lejn Art Twelidu u lejn l-Ilsien Malti ġagħlitu jibda jaħseb l-'għaliex' u l-'kif' li jmexxu ħsieb u għemil il-bniedem.




***DELLIJIET JGĦAJTU FIR-RAS—MARIO AZZOPARDI: POEŻIJA, NARRATTIVA, U KUMMIEDJA SOĊJALI*, ta' Charles Briffa, Horizons, Malta, 2020**

Dan il-ktieb ġdid juri li Mario Azzopardi huwa kritiku soċjali kruċjali, u li l-proċess kreattiv tiegħu spiss jinħass forza kontroversjali qawwija fi ħdan l-ambjent soċjokulturali ta' żmienu. Briffa juri li l-kitbiet ta' Azzopardi jitfgħu bosta dubji fuq standards tradizzjonali u forom stabbiliti, u jinvestigaw ħwejjeġ li jikkawżaw uġigħ uman u tbatija soċjali.

Il-poeżiji, il-poesejs, u r-rakkonti Azzopardjani huma ġeneralment prodott tas-soċjetà tagħhom u essenzjalment huma "soċjali" fis-sens li hemm kawżiet soċjali li jqanqlu l-produzzjoni tagħhom; għalhekk jittrattaw temi soċjali u kontenut relevanti għaż-żmien tagħhom, u jippruvaw (forsi aktar mix-xogħlijiet ta' ħaddieħor) iġibu xi forma ta' effett soċjali. Għaldaqstant Briffa jifhem li l-espressjoni artistika tiegħu trid tingħaraf bħala mera soċjali. Bħala prodott soċjali, il-kreattività ta' Azzopardi tiffoka fuq il-kritika soċjali biex jippolitiċizza l-ideat.

F'dan il-kuntest it-terminu "soċjetà" huwa l-link territorjali bejn l-arti u r-realtà, u għaldaqshekk għal Azzopardi s-soċjetà dejjem tibqa' ċ-ċentru tal-attenzjoni tiegħu.

Fil-kitbiet ta' Mario Azzopardi jfiġġu suġġetti li tradizzjonalment f'Malta kienu jitqiesu pprojbiti jew offensivi bħas-sesswalità mberrħa, id-deformazzjoni grotteska, it-tweżwiż u l-faċċjoliżmu tar-reliġjużi, u l-arja żejda fl-imħabba għall-pajjiż – suġġetti li jżidu dettalji fil-pittura tal-perċezzjoni tiegħu fuq il-kontemporanjetà. Fl-esperimentazzjoni tiegħu tal-vers proġettiv u tal-poesejs inqeda u baqa' juża l-forom stilistiċi tal-ironija u l-parodija, tal-ambigwità u l-ispontanjetà, tal-lingwa figurattiva u l-awtodefinizzjoni. L-evokazzjoni grafika tħalltet mad-drammatiċità barokka għall-aqwa effetti li seta' jipproduċi.

F'dan il-ktieb, *Dellijiet Jgħajtu fir-Ras*, Charles Briffa jurina lil Mario Azzopardi fil-partijiet tiegħu ta' poeta, prożatur, poesejist, pittur, kritiku, ġurnalist kulturali, direttur tat-teatru, editur, u għalliem.

Il-Professur Charles Briffa jgħallem il-Letteratura u t-Traduzzjoni fl-Università ta' Malta, u huwa kritiku letterarju (l-aktar li jagħfas fuq l-istilistika), riċerkatur tal-Malti (l-aktar fil-qasam tal-lingwistika kulturali), u traduttur.

## DIVORZJU

fil-gazzetta ħabbru
li qatel lil martu,
omm taż-żewġ uliedhom

u ppubblikaw ritratt -
handbag u basktijiet
mixħuta hemm fit-triq
mitluqa hemm mal-art

forsi kull ma kien jonqos
ir-ritratt tat-tieġ

**MARIA GRECH GANADO**
**(minn *taħt il-kpiepel t'għajnejja*, KKM, 2014)**

## XENA MALTIJA (1) - IL-GALLERIJA

**Kitba ta' Victor V. Vella**

Hello, jiena s-sindku u ilni nixtieq inkellmek.

Ippruvajt narak għall-festa imma taf int kont busy.

Ħa ngħidlek; inti għadek toqgħod f'numru 50 Triq Ħarruba hux veru.

Iva iva. Naf... naf... kollox sew :
Iva... kienet Triq San Ġużepp imma issa...
Le le biex inkun żgur.
U iva kien biddilha s-sindku l-ieħor.
Issa ilha erbat ijiem.
Ħalli nistaqsik ħaġa: ħalli ma nżommokx!
U fuq fit-tieni sular għandek gallerija tal-injam sabieħa ferm, hux hekk?

U iva naf li antika iva iva...
għalhekk qiegħed inċempillek...
dak is-sabiħ tagħha
b'dik l-iskultura tal–injam li fiha
u tajba għax tkabbar kamra...
U iva tieħu nofs it-triq...
Imma m'hemmx x'tagħmel!
Tajjeb tajjeb. Hekk naħseb li se taqa' għax mejta għal naqra żebgħa
U sewwa sewwa qiegħed tgħid...
Iżjed minn passata waħda.

Ħa ngħidlek inti taf li bħalissa hawn moviment
biex inżommu u nippreservaw l-antik...
Naħseb dik għandha tmenin sena?... Xi tgħid?

U iżgur li ma tafx eżatt.
Ma jimpurtax. Ismagħni sewwa.
Li kont se ngħidlek qabel ma qtajtli ...
.u iva nifhmek... kont se ngħidlek
li nistgħu nieħdu passi biex nirranġawha...
Kif konna nippassiġġaw jien u s-sur Camenzuli... Le le jiġi avolja busy għal mewt zoptu...
Iva iva fl-aħħar iddeċieda li joħroġ għall-elezzjoni...
iva u qalli ara tista' tapplika biex tieħu grant
ħalli tippreservaha u ġġibha ġdida.
Għajb jaħasra tħalliha taqa'.
Ħa ngħidlek... timla u ssebbah triq.
Le le ħalli kollox f'idi u
s-sur Camenzuli, minn tagħna ferm...
jaħdem mal-perit



li qiegħed in charge mill-flus...
eżatt... eżatt... minn dawn il-grants.
U le għalhekk taħseb xejn.
Nirranġaw... nirranġaw. Ħalli f'idejja.
Le le kif tkun lesta niġu
nieħdu żewġ ritratti ftit qabel l-elezzjoni:
Inti tidħol ukoll u tista' ddaħħal is-sinjura… u toqghod fil-gallerija!

U ġewwa x-xilep...

Hello, hello għadek hemm Sur Sindku?

Grazzi grazzi ferm ta' din l-offerta ...
aħna tar-raħal ma nkunux nafu b'kollox ...

Taf x'kont se ngħidlek

Kieku sewwa kieku jkolli gallerija ġdida li ssebbah it-triq u... id-dar.
Imma ngħidlek waħda, Sur Sindku…

Mhux il-gallerija biss trid passata żebgħa:

id-dar se taqa'!

## BDIET IS-SENA 2020

**Rakkont ta' Carmen Refalo**

"Jekk jiem qabel il-Milied ħallew il-bwiet tal-bejjiegħa nexfin, jum l-Ewwel tas-Sena sabna bla kliem; uħud mismutin jaħarbu lin-nies, oħrajn b'għoqla fuq l-istonku jisperaw li jeħilsu minnha fil-qrib. Ilna ngħixu f'jiem imċajprin; ikolli ngħid li s'issa għad m'hemmx lok li nagħtu jew nirċievu x-xewqat sbieħ. Għax bħas-soltu Jannar ikaxkar dak li jkun inbeda matul iż-żmien ta' qabel."

Kien sebaħ l-ewwel ta' Jannar. Kien għadu t-tmienja ta' filgħodu u waqt li qbadt inqatta' u nqaxxar, naqli u ngħalli għall-ikla ta' nofsinhar, Tony beda jaqrali mil-laptop miftuħ quddiemu fuq il-mejda tal-kċina.
"Ġina smajtni? Fhimtha din li għadni kif qrajt?" staqsieni.

"Fhimt xi ħaġa Ton imma bħalissa moħħni biex inlesti; jekk taqbad tiżbarazzali u taħsel xi ħaġa tkun bdejt is-Sena bit-tajjeb."

Kif l-irwejjaħ tal-ikel imlew il-kċina u sibt ruħi waħdi fil-kwiet, nistenna li tqum it-tifla, ftakart f'dak li kien qrali r-raġel sagħtejn qabel. Kellu raġun biex ibigħ min kiteb hekk; kont nixtieq li dis-sena kienet se tkun imqar ftit aħjar minn ta' qabilha.

Fl-għoxrin tax-xahar, jum għeluq snini, qomt b'ħasda u kif warrabt l-imħadda minn fuq rasi smajt lir-raġel igerger minn taħt l-ilsien:
"Dawn ma jistħu minn ħadd. Għadhom is-sebgħa nieqes għoxrin u kif waslu bdew iħaffru; possibbli ħadd ma jwaqqafhom, ħadd ma jkellimhom!"

U hemm indunajt li mhux ir-raġel kien qajjimni imma li kienu qajmuni l-ħsejjes ġejjin mit-triq tagħna u t-tregħid tas-sodda li stħajjiltu kien terremot.

Kif ġejt insè u għaddietli l-qatgħa qomt bla kliem u tlaqt ninħasel qabel ma tqum it-tifla; kelli mitt sena nħalli l-ilma fietel nieżel ma' wiċċi sakemm jinħallu għajnejja nofshom imwaħħlin ma' xulxin bl-għabra tat-trab li kienet ilha qed taħkimna xi sitt xhur. Wara li lbist xtaqt niftaħ il-bieb tal-gallarija biex tinbidel l-arja ta' ġewwa; imma bexxaqtu kemm kemm ħalli ma tidħolx ir-riħa tal-'exhaust' hekk kif it-triq tibda timtela' bil-karozzi waħda wara l-oħra, iżjed weqfin milli mexjin. Tfajt idi mal-poġġaman biex ninżel 'l




isfel u għal darb'oħra l-kisja trab taħt idi darrsitni u bdietli l-jum ħażin. Kif sibt lir-raġel fil-kċina għadu jixrob it-te, bit-tieqa miftuħa beraħ, ħaristlu bl-ikrah u ħtaftu:
"Għalxejn ngħidlek Ton; erġajt ftaħtha beraħ. Għax ma tlajtx fuq il-bejt biex toqgħod tħares lejhom itellgħu l-ġebel; mela minn hawn b'dat-trab kollu dieħel dritt għal ġo fina," u għalaqthielu fil-pront. Imma komplejt neqred biex nisfoga:
"U dak il-krejn daqsxiex idur fuqna... ibażżagħni nħares lejh. U għandu xi jdum idur; għad fadal xi tliet sulari oħra x'jitilgħu!"

"Jaħassra Ġina ħu d-dinja biċ-ċajt; illum għalaqt sitta u erbgħin u għadek ma tgħallimtx. Minflok ma ssewwed qalbek ibqa' ftakar fil-ġonna ċkejkin bis-siġar tal-lumi u tal-larinġ li kellna qabel, bl-għasafar tal-bejt itiru minn waħda għall-oħra, hekk kif kont tiggosta lill-qattus tagħna wieqaf fuq iċ-ċint jara kif jaqbad xi wieħed minnhom. Ħa ngħallmek kif tkun pożittiva; ipprova ġib quddiem għajnejk li kif ilestu, jekk id-dar tibqgħalna qawwija u sħiħa, se jkollok xi erbgħin gallarija lejn xiex tħares. Imma biex tara s-sema mit-tieqa trid taqla' għonqok ħanini."

Imma ma kellimtu xejn. Hekk hu dar-raġel, is-sieħeb tiegħi; l-ewwel qam igerger u f'kemm ili ngħid għaddielu. Mhur ifhmu. Jaħarqek u wara jridek tagħmel bħalu u tieħu kollox biċ-ċajt.

Fil-pront niżlet it-tifla u sabitni nlestilha l-yogourt mal-frott biex toħodhom magħha għax-xogħol.
"Xjaħt sena oħra ma; ma rridx indum ma nitlaq," qaltli waqt li għannqitni, qabdet tiċċekkja l-mowbajl u tixrob it-te fl-istess waqt,
"għax ilbieraħ dak li qed itella' l-blokk flats 'l hawn fuq ħalla t-trakk f'nofs it-triq biex jarma l-gaffa. U kif tlajt insuq resaq f'nofs it-triq, waqqafni u għamilli sinjal biex indur lura u nsuq 'l isfel; imma baqa' f'wiċċu għax hemm bqajt wieqfa u ma dortlux."
"Għad taqla' xi daqqtejn Dor bl-arja li għandek," qabeż missierha. Kien għadu rrabjat magħha minn mindu qatgħet xagħarha naħa twil u naħa qasir bit-troffi jagħtu fl-oranġo; u kien għadu ma jafx li kienet bdiet tfaddal biex tkabbar sidirha!

"Mhux hekk nibqgħu pa; dawn jaħsbu li ħadd ma jista' għalihom," u daret lejja.
"U trid tarah ma; ġie jgħidli nħaffef insuq lura biex ma ntellfux ħin minn xogħlu. Imma kif rajtu riesaq ħrigt idi mit-tieqa u bil-mowbajl ħadt ritratt tat-trakk, bin-numru jidher, qed jagħlaq it-triq u..." imma fil-pront qbiżt jien:
"Ma bżajtx ja miġnuna!" għidtilha waqt li ferfirt idi quddiem wiċċha.

"U ejja ma qiskom żewġ boloh. Mal-ewwel waqaf kif rani nieħu r-ritratt u kif staqsejtu fejn kien il-warden dar lura, ressaq it-trakk min-nofs u jien u l-karozzi li leħqu nġabru warajja komplejna fi triqtna."

U Doreen binti ta' ħamsa u għoxrin sena ħalliet lili u lil missieha, it-tnejn bla kliem.

Insomma kif Tony telaq għax-xogħol u ħarist lejn l-arloġġ tal-kċina, xrobt l-aħħar boqqa te, qbadt il-qoffa għal għand tal-ħaxix u kif ħriġt barra sibt lill-ġara fuq il-bankina ħdejn il-bieb tagħha. Intbaħt li xtaqet titkellem ftit miegħi u waqaft nismagħha. U reġgħet bdiet tgħidli:
"Kif xbajt Ġina binti, qed nisma' r-radju u nħosshom ser jitilfuli rasi. Dawn x'iridu jgħidu biha dil-kelma speċi ta' ponsablità? Jaħasra ma nifhemhomx. U meta nixgħel it-televixin, xi ħin jew ieħor jerġgħu l-

istess."

Lili ma sabitnix burdata tajba u kont ser ngħidilha biex issaqqi 'l uliedha; ħaġa tal-għaġeb donnha qratli ħsiebi għax fil-pront qaltli:
"Meta ngħid hekk 'l uliedi jaqbdu jidħku, iħarsu lejn xulxin u jaqilbu l-kliem. Il-bniet moħħhom biss biex jiżbgħu xagħarhom u jirranġaw dwefirhom kull jumejn; għandhom mas-sittin u baqgħu ma kibru qatt. U issa t-tlieta saru nanniet. Għalxejn ħallejthom l-iskola sakemm stajt; ma jafu jitkellmu fuq xejn. Missierhom Alla jaħfirlu kien aħjar minnhom."

"Nagħmillek imħatra Sunt li ħafna drabi min ikun qed jitkellem lanqas hu stess ma jkun jaf sew x'qed jgħid," u kif rajtha tiċċassa komplejtilha:
"Ħeqq għadni niftakar li meta kont immur fil-laqgħat għall-ġenituri fl-iskola tat-tifla, dejjem kienu jgħidulna li aħna responsabbli għal uliedna," imma b'ħarsitha Sunta wrietni li xorta kienet għadha fejn kienet. Ikkonfondejt x'kelli ngħidilha; kieku staqsietni xi riċetta kien ikun iħfef għalija u malajr kont nagħtihielha bl-amment. Imma xorta waħda erġajt ippruvajt:
"Ismagħni naqra, naħseb li tal-iskola riedu jfehmuna li jekk uliedna, sakemm jikbru, jagħmlu xi ħaġa ħażina, il-ħtija tagħhom taqa' fuqna," imma Sunta qabżetli hi:
"Dan kollu nafu Ġina. Imma tar-radju mhux fuq it-tfal ikunu qed jgħidu imma fuq il-Gvern u fuq l-oħrajn ta' kontra; min jgħid li qed jerfagħha, min iwaħħal fl-ieħor li għandu jġorrha u lili jistorduni u jħawduni waħda sew."

Ma kontx naf x'ser ngħidilha; kienet qallbitli s-sentimenti ta' moħħi. Ftit wara rnexxieli nlissen xi ħaġa:
"Sunta jkolli ngħid li nkunu responsabbli meta nagħmlu dmirna; inkella jkollna noqogħdu għal kulma jiġi ma' wiċċna," fettilli nfissrilha.

"Isma' Ġin, dmir naf xi jfisser jien għax tgħidx kemm kienet qaltli ommi jumejn qabel ma żżewwiġt lil Ninu. Qaltli dwar id-dmir tas-servizz fiż-żwieġ; biex lil Ninu qatt ma ngħidlu 'Le'. U jien obdejtha; kull meta xengel rasu biex jgħajjatli, la qatt għidtlu 'Iva' u lanqas 'Le'. U Ninu tiegħi kien ħafif daqs il-fniek li kellu missieri fil-gallinar ta' fuq il-bejt; kien joqmos darba darbtejn, jgħajjat waħda minn taħt l-ilsien u jintafa' lura. Ehh is-servizz dejjem għamiltu sew jien; kont nagħlaq għajnejja, noqgħod naħseb x'kelli nsajjar l-għada u f'kemm ili ngħidlek jien u Ninu konna nkunu reqdin fil-fond. U bħallikieku qatt ma kien ikun ġara xejn!"

Kif Sunta waqfet u ħarset lejja, li niġi bintha fil-wisa', ratli wiċċi aħmar nar nipprova nibqa' nismagħha sal-aħħar, imma kif ma flaħtx inżomm aktar bdejt nidħak ngħajjat bil-qalb inżomm idejja ma' ħalqi. Tnejn min-nies li kienu mexjin fuq in-naħa l-oħra tat-triq waqfu jħarsu lejna:
"Jaqaw raġa' nqala' xi ħaġ'oħra dalgħodu," instemgħet tgħid waħda minnhom imma meta indunaw li jien u Sunta konna mifqugħa bid-daħk baqgħu mexjin.

Kif għaddietli d-duqqaqa x-xwejħa komplietli:
"Imma naħseb li kliem ommi, Alla jaħfrilha, m'għandux x'jaqsam mal-kliem li qed nisimgħu."

"Hekk hu Sunt. Dawn ikunu qed jgħidulna li kull min jaħdem għall-ġid jistenna li jiġi l-ġid u kull min jagħmel id-deni jistenna li ma' wiċċu jiġi d-deni. U li kulħadd ikollu jħallas tad-deni li jkun għamel," u hemm Sunta waqqfitni.

"U min se jħallas binti? Ma tafx li hawn min ma jħallas qatt" u Sunta wrietni li moħħha kienu għadu tajjeb u x'aktarx iżjed minn tiegħi. U bil-kalma kollha dort lejha:
"Qed tara hux; hawn minn kollox. Hawn ukoll dawk li joqogħdu jgħadduna minn għajn il-labra... jaħsbu li qed jitmejlu bik u bija... u jsemmu r-responsablità." U Sunta tniehdet u qablet miegħi.

U kif smajna l-arloġġ tal-knisja jdoqq il-ħin qbiżt jien, "Ikolli nitlaq Sunt għax mhux se nilħaqlu frott lil Marju tal-ħaxix."



U matul il-jum domt nidħak sa filgħaxija kull darba li niftakar biex kienet ħarġitli x-xwejħa Sunta bis-sinċerità kollha tagħha. Ma stajtx nemmen kif setgħet għexet żgħożitha u ħajjitha miżżewġa b'dak il-mod. Hemm inqas minn ħamsin sena bejnietna u sadattant saret bidla kbira f'ħajjitna; binti ilha tgħidli li bi ħsiebha tgħix mas-sieħeb tagħha qabel ma tiżżewweġ; għadni s'issa ma nafx x'naqbad ngħidilha meta jasal il-waqt!

Dakinhar filgħaxija morna nieklu barra. Ħadna gost flimkien u tgħidtx kemm kilt għal qalbi; lanqas mill-inbid ma bqajt lura. Imma matul il-lejl ħlomt kemm flaħt; dejjem hekk jiġrili meta nitħanżer qabel ma norqod.

F'waqt minnhom sibt ruħi bilqiegħda fil-kċina ta' Sunta bit-tifel tagħha bilwieqfa quddiemi, imdawwar b'ħutu l-bniet kollha lesti għall-ġlied, b'subgħajh ma' wiċċi qed jgħidli bl-herra kollha:
"X'mort tgħidilha 'l ommi? Ġennintha mara xwejħa tiġi nanntek! Qed tħawwad, mhux qed tagħrafna u moħħha biex tmur fid-dar t'ommha. Ħa jkollna nsakkruha xi mkien minħabba fik. Issa kun af li kif inwaqqgħulha darha biex intellgħu tmien sulari, inżommuk responsabbli ta' kulma jista' jinqala'. U kun af ukoll li se nħaffru fond ta' sitt sulari; biex iġġib il-perit tiegħek għal waqt ix-xogħlijiet għax inkella r-responsabbilità ta' kulma jinqala' jkollu jġorrha żewġek..." u fis-saħna tal-mument ħariġlu l-Lira tad-deheb imdendla mal-katina ħoxna li dejjem jilbes m'għonqu taħt il-qmis. Kif kont ser nagħmel għalih ħabtet ma' moħħi u qomt f'daqqa! Fil-pront ħassejt rasi tqila u dwejjaq kbar fl-istonku tiegħi, ġrejt għall-kamra tal-banju u qlajt kulma kont kilt qabel ma rqadt.

U b'dil-ħolma m'għidt lil ħadd, lanqas lil Tony; imma



bqajt kif nilmaħ lit-tifel ta' Sunta noqgħod pass 'il bogħod minnu.

Sadattant bdejna nisimgħu bil-'corona virus'; sakemm kien għadu fiċ-Ċina la jien u lanqas Sunta ma ħabbilna rasna fuq hekk hekk. Kif smajna li wasal l-Italja waqqafna widnejna u jum wara jum bl-aħbarijiet li bdew iwerwruna sirna nafu sew xi tfisser il-kelma 'responsabbilità. Għax dal-virus ma kienx taċ-ċajt; ma kellna xejn kontrih u beda saħansitra jasal biex joqtol.

U l-aħħar darba li sibt lil Sunta tistennieni barra, waqqfitni u qaltli:
"Ġina ma rridx indejqek imma t-tifel qalli li barra minn Malta biex ma jimirdux qed jingħalqu ġewwa, ma jmissu ma' xejn u ma jersqu lejn ħadd. U qalli wkoll li kulħadd jista' jġorrha bla ma jkun jaf," u kif ratni qalbi sewda komplietli:
"Imma ngħid jien, għandi fuq it-tmenin u għadni nista' nġorru wkoll? Jien kont inġorr imma xi qoffa bajtar tax-xewk meta kont nitla' sar-raħal m'ommi fl-għeqqel tas-Sajf biex inbigħuh" qaltli biċ-ċajt biex tarani nitbissem waqt li l-memorji ta' ċkunitha mlewlha għajnejha bid-dmugħ.

"Sunta ħanini jien u int m'għandniex dal-virus; mhux qiegħed hawn Malta, mhux qed inġorruh u mhux ser ngħadduh lil ħaddieħor. Imma jekk jasal ikollna nagħmlu bħan-nies ta' barra aħna wkoll."

U hemm dehret ħosbiena u għidtilha:
"Inti għalissa toqgħodx tinkwieta. Kollha fl-istess ilma qegħdin Sunt; u mbagħad naraw," sellimtilha u tlaqt għal għand tal-ħobż inġib quddiem għajnejja 'l uliedi... lil ommi u missieri... lil ħuti... insomma lill-familja tiegħi u tar-raġel... u aktar... u iżjed.

U fit-triq sibt ruħi nitkellem waħdi minn taħt l-ilsien, "Dal-virus jonqos issa! Minn jaf x'inhu ġej għalina? Jekk ikollna nissakkru ġewwa kulħadd ikollu jagħmel l-istess; ma taħrablux kif ġib u laħaq, jaf jaqbdek tkun fejn tkun. Jaf idur id-dinja bla ma jħares lejn l-uċuħ u fuq kollox ma jinxtarax," u qbadt nitkerrah u nkemmex xofftejja.

Imma laħqitni r-riħa tal-ħobż għadu jinħema, indunajt li kont wasalt u ħaffift il-pass. Kif kont aljenata tfixkilt f'ċangun nofsu maħruġ għal fuq il-bankina tliet bibien 'il fuq mill-ħanut. Kif slaħt il-pexxun għajjat waħda u ħarist 'il ġewwa; xtaqt

nilmaħ lis-sid biex nagħmel bħal binti u noħodha miegħu. Imma ħadd ma kien jidher, l-intrata kienet vojta u mimlija trab. Kienu bdew iwaqqgħu hemm ukoll!

U jum wara l-ieħor malajr sirna nafu b'dak li ġie għalina ftit tal-jiem wara! Kif l-ixkafef tal-ħwienet sfaw għarwenin minn kollox, kif rajna lil min ħaseb biex jimla daru bit-'toilet paper', u kif jgħaddu l-ewwel jiem ta' paniku... fit-toroq waqa' s-skiet.

It-tkissir u l-bini naqas, l-arja bdiet titnaddaf  u ħadet ir-ruħ. Fl-aħħar indunajna li ħafna jistgħu jaħdmu mid-dar, il-karozzi ftakru li għandhom il-garaxx, l-exhaust'naqas mit-toroq biex nistgħu nieħdu nifs fil-fond mingħajr ma naqbdu nisogħlu.

Ulied Sunta baqgħu ġo darhom u bil-biża' ma tawx kas xagħarhom li beda jtalla' l-abjad mill-għeruq. U ommhom ħadet ir-ruħ meta ħuhom il-kbir, armel fuq is-sittin kellu jibda jgħix magħha biex ma jiltaqax man-neputijiet.

U issa nispera li qed nifhmu xi tfisser li tkun responsabbli; għax hemm ħajjitna fin-nofs!



## ĦEMDA
**Kitba ta' Vanessa Fenech**

Ma  kinitx tiċċaqlaq minn wara l-persjana, miftuħa beraħ sabiex tkun tista' tgawdi dak li qiegħed iseħħ lil hinn mill-bieb ta' barra. Tistqarr li saqajha ma għadhomx li kienu, madankollu, kienet tagħmel banketta tal-injam u tintefa bilqiegħda fuqha.

Kienet tgħodd id-disgħin sena u għalkemm moħħha ma baqax iżomm ħafna, saħħitha kienet għadha ma telqithiex. Minn wara dik il-persjana kien ikun hemm ġranet mimlija daqs bajda. Matul il-jum erħilha tnissel xi tbissima meta tilmaħ  lit-tfal sejrin u ġejjin mill-iskola. Bil-ħerqa kienet tistenna t-tislima tal-pustier u għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar wara li tkun qalet ir-rużarju, kienet tbierek lil dawk kollha li jkunu sejrin lura fi djarhom wara ġurnata xogħol. Ta' spiss kienet taqa' xi demgħa meta b'nostalġija liema bħalha tiftakar fl-imgħoddi, meta hi kienet ukoll tagħmel parti minn din is-soċjetà attiva.

Jum fost l-oħrajn id-dinja qisha waqfet ħesrem. It-triq kienet battala kemm mill-karozzi kif ukoll mill-ilħna ferrieħa tat-tfal. Dan l-aħħar il-pustier kien jiġi b'ħarba u b'wiċċu mgħotti u l-ġirien ġirja waħda jfittxu jidħlu fi djarhom. Qalulha x'kien ġara... imma ma tistax tiftakar sew! Il-ġranet għaliha ħadu bixra oħra.

Tistqarr li din hija ġrajja li ma titwemminx u tittama li ħwejjeġ bħal dawn ma jerġgħux iseħħu.

### ĦAJKU

Tistenna għalxejn
it-telefon idoqq
u titlob ħniena.

Bibien magħluqa
toroq ma jwasslu mkien
ħajjiet moħlija.

**JOE FRIGGIERI**
**(minn *Mitt Ħajku*, Filprint Publications, 1997)**

## META TFAQQA' S-SAJJETTA

**(żmien il-coronavirus)**

Meta tfaqqa' s-sajjetta
wil-ħitan jibdew jirtogħdu,
ix-xemx tidħol mistoħbija
sa minn kmieni ta' filgħodu.

L-ebda tama ġej il-bnazzi
għax sħab iswed qed jinġema'.
Nistennew minn ħin għall-ieħor
xita qliel tinżel mis-sema.

Ma nafux il-ħin u s-siegħa
għax din tiġi għal għarrieda.
Baħar qawwi jibda tiela'
u jġibilna mwieġ qerrieda.

B'qalbi mnikkta nħares barra
għax ġo dari jien magħluq.
Sħaba sewda ġejja fuqna
li qed tbeżża' kull maħluq.

Waħdi, waħdi qed inħossni,
iċċassat minn wara t-tieqa.
Ma narax ħlief żmien ta' dwejjaq.
Ma narax ħlief żmien ta' diqa.

Ħadd mhu sejjer isabbarni.
Nixtieq nidħol ġewwa fija.
Nixtieq ħadd ma jiġi jżurni,
ħliefek biss, O Poeżija.

**J0SEPH SCIBERRAS**
**(Ħ'Attard)**

## M'HEMMX LI TGĦADDI

Nistħaljek
bħal jiem tad-dliem
u l-anġlu tal-mewt
għaddej minn fuqna,
tinfiltra mix-xquq tal-ħitan
qarrieqa daqs spam.
Lid-dinja għarkubbtejha
tallaba-karraba niżżilt
mill-għani sal-fqir.
Is-skiet jikber bl-imwiet,
dwejjaqna inkonsolabbli.
Ħarbattilna l-orarju,
noħolmu maħsuda
fil-jum bla bruda.
X'jiswew bwietna mimlija
quddiem din l-epidemija?
Għas-saħħa nagħtu kollox.
Baħħ: qed nitbiegħdu.
Mill-ħruġ nastjenu.
Waqt li int tonsobni
infittex li nibqa' mistoħbi
f'dil-logħba noli.

**JONATHAN BALZAN**

## AGUNIJA DEŻOLATA

**(Miktuba waqt l-agunija dinjija tal-Corvid-19)**
**B'Dedika lil dawk it-tobba u l-bqija li qed jagħtu ħajjithom u ħinhom fit-taqbida...**

Mxajtna din l-imxija
mwiet, tbatija u agunija...

Kiefra din l-imxija
massakru bla dmija...

Iva misħuta tassew
din l-imxija:
tbatija, agunija
u qlubija.

**NOEL FABRI**

## TGĦAJJIRA LILL-CORONAVIRUS

Qattiela, li dħaltilna
fi djarna siksnijiet,
fil-qerda tagħna ħsiebek
b'mard kiefer u b'imwiet,
xettilt il-biża' fostna -
fil-kbar daqskemm fiż-żgħar,
maghluqa f'għeluq dejjaq,
imħassba lejl u nhar.
Niżżilt sal-ajruplani
mill-għoli tas-smewwiet,
rażżant il-kbar krużlajners
lil hinn mill-portijiet.
Mewwitt kull triq ħawtiela,
l-iskejjel sfaw fis-skiet,
battalt kull xkaffa w maħżen
u mlejt l-isptarijiet.
Ħassart laqgħat u festi
u ġibt l-isporzts fix-xejn,
fridt l-aħwa 'l bogħ'd imsiefra,

bid-dmugħ fawwart l-għajnejn.
Heżżist l-ekonomija,
kabbart il-qgħad bl-eluf,
għabbejt bid-dejn lill-popli -
kull pjan sarilna suf!
Fil-ħwienet ġellidt l-aħwa,
heddidt sal-isqfijiet,
biddilt il-liturġija,
sraqt ħin l-aħbarijiet.
L-identità sraqtilna:
il-wiċċ li d-dinja taf
bil-maskra għattejtilna -
m'għadniex nitqiesu ndaf!
Għallimtna, f'ħajja mgħaġġla,
li l-ewwel quddiem nett
saħħitna wħedha ssaltan
u taħkem l-intellett
tal-kbir, taż-żgħir, tal-għaref,
tal-fqir u tas-sinjur,
u li l-bnedmin ġens wieħed
mad-dinja kif iddur,
għax l-għani sew bħall-fqajjar,
kull flien ta' kull età,
ma jiswew xejn jekk nieqsa
mis-saħħa w libertà.
Int għadu kiefer - ġifa
moħbija minn kull għajn,
'mma l-għerf u l-mikroskopju
jidfnuk għad mal-oħrajn.
Tibżax! Il-waqt għad jasal -
il-qerda ddur għalik,
għax moħħ il-bniedem għaqli
għad jagħraf x'jagħmel bik.
Int għad tintemm mirbuħa
mir-rieda tal-bnedmin
li b'Fidi sħiħa jishru
u jgħinu lil xulxin
biex kif f'kull flaġell għamlu
bil-pesti li għaddew
jidfnuk fi ħmieġ l-istorja
u ismek fis jinsew!

**FRANK ZAMMIT**

## COVID-19 FIT-TOROQ MALTIN

Toroq battala - ċittadini iħirsa
jissuspettaw f'xulxin
imaħħu f'ta' madwarhom
humiex sani jew infettati
maqfulin ġewwa djarhom
imsammrin quddiem settijiet tax-xandir
iqallbu l-kanali jistennew l-aħbarijiet
b'żewġt iswaba' msallbin fuq
qalbhom ittaqtaq ma tridx tisma' iktar
b'koronavajrus fost il-maltin u l-għawdxin.

... U mal-maskra mitluqa mad-dendiela
ġewwa d-djar magħluqin f'arja ta' qtugħ ta' nifs
fost thewdin fuq l-ikkontaġġjati u l-imwiet pajjiż pajjiż,
l-arja titqal, it-tokki jeħxienu, il-moħħ ma jiflaħx ħsieb ieħor,
it-taħbit tal-qalb nieqes mit-taħrik trankwill
u l-fomm anzjuż jistaqsi kemm se ndumu sejrin?!

**MARIO ATTARD**

## KORONAVIRUS
**(Akrostiku)**

Kemm aħna sbieħ! Ix-xejn ġie jattakkana,
Oligarkija komda kemm setgħana;
Rankatura gerriexa, giljottina,
Ostaklu f'oċean lest ibikkina;
Negozjant moħbi, meravilja waħda,
Anfibju jiġri bla jaf x'inhi ċaħda;
Vulgari imma jobgħod is-sapun,
Immorali għall-aħħar, fanfarun;
Re tad-deffiena, spettru bi skop wieħed:
Uragan vagabond, vampir jittieħed.
Skumnikat! Arawh lest għall-honey-moon!

*Fuq il-Virus f'nofs ta' pjazza għad nisparaw*
*U flimkien id-De Profundis inkantaw.*

*Nistennew kull wieħed minna l-marċ tat-tmiem;*
*Il-katuba lesta għad-daqqa. Ħajr u sliem!*

**KARMENU MALLIA**

## KLIEM MISSIERI

"Billi ma jafx somom u ftit jaf Ingliż,
Taħsebx li t-tifel huwa injurant.
Anke jekk fil-Malti, mhuwiex tant preċiż.
Hu jinbex, jittanta, imqareb kull tant.

Dak it-tifel ser jikber. Raġel isir.
Għada pitgħada, taf kif itir il-ħin,
inti tista' tinħtieġu, tfittxu bil-kbir.
Mela isma' kliemi, u ibqa' ftakar din.

Anke'kk mhux perit, avukat jew tabib,
jista' jsir mekkanik, tellar jew bennej.
Mela ara li dejjem tnaqqas mit-tlablib,
biex meta ser tfittxu, malajr tarah ġej."

Kważi erbgħin sena bil-klassi qattajt.
Niżżi ħajr 'l Alla, lil kliem missieri, smajt!

**JOSEPH FELIX CACHIA**

## XI DARBA

Xi darba,
la forsi jgħaddi dan il-virus
insir u nagħmel dak li nixtieq
u forsi anke dak li qatt ma xtaqt,
bla daqq tat-trombi
u bla anġli
indub fil-baħar fond
u ngħarrex dak li kont.

**JOHN P. PORTELLI**

## JIEN NERĠA' NIKTEB STROFA...

Jien nerġa' nikteb strofa għal kull tqanqila,
u nerġa' litanija waħdi ntenni,
bit-tama li xi darba mbagħad tismagħni.
Hekk nistħajjilni jien kull xħin titfaċċa
bħal jum imċajpar li trid minnu tgħaddi,
is-sens ta' x'inhu dan, għalfejn dak kollu,
u għaliex kont jien minflok ma kien ħaddieħor.
Jekk tiġi l-bieb tħabbatli jien niftaħlek;
jekk ma tiġix, fejn tista' tkun nistħajjel.
Fid-dlam ta' swied il-qalb is-sema msaħħab,
jekk ma titlax hawn fuq mhux ser tifhimni;
jekk tibqa' terfa' l-ġebla qatt ma tasal,
u terġa' bħal ma tlajt titgerbeb 'l isfel:
fl-abbiss, fil-baħħ mnejn qatt ma terġa' lura.

**ALFRED GRECH**

## AQTA' WARDA

Aqta' warda, xomm il-fwieħa,
saqqi bl-ilma dan il-ġnien,
oqgħod isma' xi funtana
tarmi l-ilma mad-dawrien.

Isma' l-għana tal-għasafar
qalb il-friegħi moħbijin,
xewqat aqta' minn kull siġra,
kulhom, tiegħem, għax frott bnin.

Mill-għeruq jitħabbu s-siġar
fil-ħamrija, minn ġol-blat,
hemm is-saħħa, hemm il-qawwa
bejn is-saffi ta' kull strat.

Festa kbira bla ma tehda
fost il-fjuri, siġar sbieħ,
weraq jiżfen ma' kull żiffa
fil-ġnien sielem tal-mistrieħ.

**CHARLES BEZZINA**

## IMSIEMER

Int ma tarax
għajr rashom dawn l-imsiemer.
Sa fejn jinfdu ma toħlomx.
Lanqas xi jżommu marbut flimkien ma tifhem.
Għax imsiemer
għalik mhumiex.

Għalik biss kliem,
bla għeruq,
fuq il-karti.

**GIOELE GALEA**
**(minn *Għera*, Horizons, 2018)**

## KAMARTI

Bejn l-erba' ħitan
tal-kamra nistrieħ
fl-irqad, naħseb u noħlom
fuq is-sabiħ u l-ikrah tal-ħajja.
Filgħodu fiha, raġġi tax-xemx
jinfdu mill-ħġieġ tat-tieqa tagħha,
biex nistenbaħ għal jum ieħor
ta' ħidma għal għajxien, b'dirgħajja.
Hawn nisma' ħsejjes li ma jaqtgħu xejn,
b'karozzi għaddejjin u tlablib tan-nies,
minn triq dejqa qishom jgħaddu mill-ħajt,
bil-ħoss tal-makna triegħed kamarti;
iżda b'kull ħtieġa li hemm fiha
li tagħti kumdità mistennija,
biex b'hekk ukoll tinħoloq il-ġabra,

għax serħan jitnissel fija jew marti,
minħabba, ġo dil-kamra tfasslu ħwejjeġ
biex jibqgħu memorja ta' familja
li ntisġet bi twelid tal-ulied
li ħallew ħafna faraġ u ferħ.
Mill-viċin nisma' qniepen
tal-knisja erba' passi bogħod
idoqqu mal-jum għall-okkażjoni
b'noti tal-mewt jew tas-serħ.
Hawn niftakar it-tbennin tal-ulied
għal tkennin fl-idejn jew fis-sodda,
għax iqumu bil-biki għall-bżonn tagħhom,
jew bl-uġigħ, bl-għatx jew bil-guħ,
waqt li għajnejja niftaħ f'nofs raqda
inkanta jew nimtela b'rabja,
meta bilfors ninżel stordut mis-sodda
ħa nara hux fsied jew krib bid-dmugħ.
Hawn ġarrabt il-ksieħ u sħana
f'dan l-ispazju kbir mimli għamara;
b'saqaf tax-xorok u travi tal-injam
li jagħtuk x'tifhem fil-qedem tagħha.
Iżda f'dal-post għadni norqod sa llum
għalkemm f'kamarti tbiddlu ħafna ġrajjiet,
għax dawn f'ħemda tagħha ħallewni waħdi,
fejn hi tkun kumpanija f'mard u saħħa.

**JOSEPH BONNICI**

## JANUS

Fast he strides forth,
though he wears no wings,
his heavinly step is a fleeting gait
and to changeless change,
how tight he clings,
one can see him waiting
at New Year's gate.
Diademed in cold and blood of war,
the time he keenly weaves
is knit on his altar
and gently he strays
and lays his wreathed head,
upon the bosom of Peace, now dead.
Crowning the young with adulthood,
of motion and transient passages,
he is a god.
In famine, in sickness, in hunger and thirst,
Janus is revered as the last and the first
and two countenances
he pompously bears,
as he endures the plight
of the endless years.
And steadfastly along
the path of short-lived Duality,
he emerges from
the soft doorways of Eternity.

**MEALNIE CAMILLERI**
**(minn *The Eternal World*, 2020)**

## POETS

Each moment, corner, facet
is a matrix of words
waiting to be explored
and documented.
We enter love struck,
emotionally tied up
(s)permeating the terrain
and coming out
we're pregnant.

**THERESE PACE**

## SEASONS OF AN ARTIST

**Dedicated to Vincent Van Gogh**

Spring has come in Auviers sur Oise.
All is changing, all is colour.
Sun shines on my face.
I escape from tormenting thoughts and pain.
Can I keep lingering?
A new life.
The time to paint and dance with colours.
My senses tremble.

Flowers take life again.
Like her, my dear Margot.
She! My love blossoming like Sunflowers on canvas.
She loves me, I know.
We kiss for eternity under loving skies.

Summer is in.
It is worth waiting for her.
She plays the piano and looks at me.
Her heart touched by the jewel we found between us.
She looks at the artist who dances with his brush, a new movement.
Margot you are love itself and I give you my heart.
After Art, after life.

Autumn. What is happening? Is my heart supposed to feel this way?
She loved me.
I know.
My temper always deceives me. My mind played a game.
I can no longer bear to see her, gave her all my life, my heart.

Winter in my heart; the artist now walks away with his colours and canvas.
Will she ever remember me?
Or remember the days in the seasons of our love.
Will she look at the Sunflowers?
Is love supposed to feel that cold?
I walk away.
There is nothing left but Art, along the endless cold night.
Still, her memory lingers in my heart.
Margot!
She will one day see my Sunflowers.
Will she remember the seasons of our love?

**MARY ANNE ZAMMIT**

## INTI TAF

Inti taf
kemm jien dgħajjef u bla ħila,
kemm insibha ħaġa tqila
li niġġieled dil-battalja
ġewwenija
hekk feroċi u mdemmija...

Ma nemminx
li xħin nasal ħdejk miġruħ
miexi nkaxkar bħal mitruħ
int se tlumni u ċċanfarni
u f'kull żball toqgħod tfakkarni...

Iktar nemmen
li mogħdrija se turini,
u biż-żejt imqaddes tiegħek
se ddewwini.

**CARMEL G. CAUCHI**

## SEWWA JEW…?

Naħseb li m'iniex sewwa!
U maljar smajt bħal speci ta' tnehida
donnha xi ħaġa bħal: domt ma ttendejt….!!
Min-naħa l-oħra…
jekk jiena ġejt inse li m'iniex sewwa
allura jien sewwa...
għax biex tittendi li m'intix sewwa
trid tkun sewwa.
U tista' tipprova li inti taf x'inhu… is-sewwa.
F'kelma waħda kapaci tara d-differenza
bejn is-sewwa u dak li mhux sewwa.
Allura kapaci tagħraf is-sewwa
u jekk tħoss li m'intix sewwa
allura taf sa fejn jasal il-ħajt tas-sewwa.
Ma rridx inkompli sejjer fuq din il-linja
għax malajr nitħawwad u nitlef il-linja.
Għax jekk tirraġuna ħafna
ftit jibqagħlek biex titlef ir-raġuni;
u r-raġuni ssir ossessjoni
u taqa' fil-konfużjoni.
Dik żgur... tentazzjoni.

**VICTOR V. VELLA**

## META L-QAMAR IĦARES LEJK B'ĦARSA TA' ŻEBLIEĦ

Meta l-qamar iħares lejk b'ħarsa ta' żeblieħ.
Meta tkun fl-ilma tipprova titla' 'l fuq.
Fgat taħt il-pressjoni tal-ilma
u ħama li ma jħallunix nara d-dawl.
Id-dmugħ jitwaħħad mal-ilma
u jisfaxxa fix-xejn.
U ngħajjat ma nistax.
Meta jdejja jkunu jridu jitilqu l-ħabel
u ma nitlax 'il fuq.

Meta l-qamar iħares lejk b'ħarsa ta' żeblieħ.
Meta nibża' li nitla' f'wiċċ l-ilma
u nara d-dlam.
Xehir fis-skiet minn qalbi mfarrka
u pulmuni fgati
li sebqu l-għana ħelwa
li kienet toħroġ minn fommi
u sserraħ lill-istess qalbi.

Imma
dil-ħarsa għad tintemm.
Il-qamar għad jitbissimli.

**OMAR SEGUNA**

## SUL TRAM DELLE 10.40

La scorgo ogni mattina assorta
sulle crome. In cerchio divergenti
partiture. Dimentico del mondo
è il gesto del polsino.
Oggi è invece canto nuovo, oggi
è veste chiara e lieve increspatura
sulle labbra. Il tempo che la nota
risuoni sottopelle poi chiude gli occhi
al foglio per scarto di binario.
Si disfano gli anelli, gli spazi
incasellati, già sfuggono le note
dalla mano da quel foglio bianco.
Le lascia andare in volo oltre lo stridio
del tram. Più in là della cerniera
del binario. Sfarfallano in azzurro
sui monti e gli stambecchi.
Più a nord di piccoli tormenti
di minimi pensieri. Raminghe
disadorne vanno sconfinate
fino alla preghiera.
Ed io ne sono parte.

**LUCILLA TRAPAZZO**
**(minn, *Ossidiana*, Volturnia Ed. 2018)**
***L-Italja/L-Isvizzera***

## THE WISDOM OF ANTS

The hard work of an ant is continuous.
How it suffers
in the sweltering heat of summer
to carry the crumbs and the seeds
to have them
when the hard winter will come.
When snow will freeze everything
the ant will not have to care.
It will have its mind at rest
because it took care of collecting
when it was the time.
If people looked a bit like the ant
in foresight, in prudence, in humility
mankind would be better,
all the children on the Earth
would have food.
But some people throw in the garbage
a heap of food, stale bread.
Have you ever thought
how many poor children
could have been fed?

**ZACHAROULA GAITANAKI**
***Il-Grećja***

## FRATELLINO MIO

Torno stanotte
a voler vivere il vuoto.
Riempirlo di ricordi
mancati,
ellissi diegetiche,
pagine strappate
del mio romanzo
rotto.
Torno stanotte
a voler giocare con te,
come i miei figli
azzuffarsi,
piangere e poi subito ridere,
litigarsi un giocattolo,
fare la pace.
Esserlo, in pace.
Torna stanotte
a farsi viva la morte.
È qui
a scrivere versi sonnambuli,
sgorgare lacrime carsiche.
A desiderare con me
che venga, come promesso,
il mattino.
Fratellino mio.

**MARCELLO MORETTI**
***L-Italja***

## IN PEACE, LET ALL OF US LIVE

If the voice of peace
gets throttled in silence;
the voice of violence
echoes in high volumes.
If chaos surrounds us,
won't life become a mess?

If this endless grief
becomes a part of life,
can life be a life?
Betwixt day to day strife!
Love, let's share and give
in peace, let all of us live.

**ASHOK CHAKRAVARTHY THOLANA**
**(minn *Horizon of Poetic Twinkles*)**
***L-Indja***




**_IL-FARM TAL-ANNIMALI_ *ta' George Orwell, maqlub għall-Malti minn Ġorġ Borg, It-Tieni Edizzjoni, KKM, 2019***

Dan huwa ktieb li ħareġ għall-ewwel darba fil-lingwa oriġinali fis-sena 1945. Dan ta' Orwell huwa rumanz qasir jew rakkont twil ta' natura allegorika. Naqraw dwar razzett fejn jgħixu bosta annimali, bil-qżieqeż bħala l-kapijiet tagħhom. Dan ix-xogħol huwa wkoll ħrafa politika u satira qawwija kontra l-abbuż tal-poter. Din li jiddeskrivi Orwell, u li Ġorġ Borg qaleb għall-Malti fl-1972, b'edizzjoni ġdida u riveduta li ħarġet ftit ilu, hi sitwazzjoni umana universali, li kienet u tibqa' tapplika sakemm jibqa' fuq id-dinja l-bniedem. Dak li jseħħ fir-razzett tal-bhejjem mhu xejn ħlief metafora ta' dak li jseħħ fid-dinja tal-bniedem: għalkemm il-bhejjem jagħmlu rivoluzzjoni, jispiċċaw agħar milli kienu qabel. Orwell jurina kif ħafna drabi jista' jinħoloq dittatorjat meta lill-poplu jibdew jitteħdulu ftit ftit l-libertà u d-drittijiet ġodda li jkunu ngħatawlu. Ġorġ Borg iwasslilna dan ir-rakkont b'Malti sempliċi, ċar u attwali, f'għaxar kapitli li jifirxu fuq ftit inqas minn mitt paġna.




**_L-ESPERJENZA TAT-TAGĦLIM. TĦEJJIJA. TWETTIQ. TGĦARBIL_, ta' Terence Portelli, Horizons, 2020**

Dan il-ktieb, li jifrex fuq 276 paġna u hu maqsum fi tmien taqsimiet ewlenin, jagħti ħarsa strutturata lejn l-istadji ewlenin taċ-ċiklu tat-tagħlim: it-tħejjija, it-twettiq, u t-tgħarbil ta' din l-esperjenza. Kull kapitlu jiffoka l-attenzjoni fuq qasam dejjaq tal-esperjenza tat-tagħlim billi: jippreżenta u jfisser b'mod sempliċi t-termini ewlenin, jesplora l-argumenti differenti, u jipproponi għadd ta' possibiltajiet pedagoġiċi mnejn l-għalliema jistgħu jagħżlu. Il-formoli f'dan il-ktieb tfasslu biex jiggwidaw il-ħsieb kritiku u kreattiv tal-għalliema. It-taqsimiet fil-ktieb huma dawn: X'nifhmu b'tagħlim; L-għalliema, il-kuntest tat-tagħlim, u l-istudenti fil-klassi; Il-programm tat-tagħlim; Il-pjan ta' lezzjoni; Ir-riżorsi: l-għodda tal-għalliema; Okkażjonijiet ta' darba kultant jew ftit aktar...; L-evalwar u l-assessjar tat-tagħlim; u It-tgħarbil tal-esperjenza tat-tagħlim. Dan il-ktieb hu megħjun minn għadd kbir ta' tabelli li żgur jirrenduh interessanti u għodda siewja tassew f'id l-għalliema. Il-preżentazzjoni hija waħda moderna u mill-aqwa.




***MUŻA KARKARIŻA 2*, Ġabra ta' Terry Muscat, Kunsill Lokali Birkirkara, 2020**

F'Diċembru 2016 kienet saret it-tnedija tal-ewwel ktieb *Muża Karkariża* li kien fih ġabra ta' xogħlijiet li nqraw f'seba' attivitajiet letterarji li bdew fis-sena 2014 u baqgħu sejrin sas-sena 2016. *Muża Karkariża 2* fih ġabra ta' kitbiet li nqraw f'disa' serati li saru bejn l-2017 u l-2018. F'dan it-tieni ktieb insibu kitbiet ta' tlieta u għoxrin kittieb u kittieba differenti, minn ismijiet stabbiliti sa oħrajn emerġenti. Din il-ġabra, ikkompilata minn Terry Muscat, hija tlaqqigħ ta' mħuħ li jsawru ħsibijiet skont il-burdati taż-żmien u x-xejriet tal-personalitajiet. Hija radda ta' ideat li jinħmew fil-ħajja komuni tas-soċjetà Maltija. Għaldaqstant, huwa ktieb li fih ġibjun ta' tagħrif utiq fuq il-lingwa użata. Il-qawwa tiegħu hija l-varjetà tal-kontenut (fejn naraw il-Karkariżi) u fl-istil (fejn naraw il-bniedem). Minħabba li l-ktieb jinvolvi bosta kittieba, fih għandna stili differenti, għax insibu min jikteb fuqu nnifsu, fuq ħaddieħor, fuq xi nħawi, fuq xi ġrajjiet, fuq xi mġiba, fuq xi tifkira, fuq xi tiġrib jew fuq xi xejra. Il-ktieb jista' jinxtara mingħand Agenda Book Shop. It-tnedija se ssir fis-26 ta' Ġunju 2020.




***L-AVVENTURA MSAĦĦRA TA' MELANIE U KARL*, ta' Ġorġ Mallia, Pubblikazzjoni Nisse, 2020**

Dan hu e-book ta' ftit iktar minn 90 paġna li l-awtur u illustratur għoġbu jagħti rigal b'xejn "Lit-tfal kollha ta' Malta u Għawdex – ħalli jgħixu fl-immaġinazzjoni tagħhom il-fantasija li hija l-ħajja", kif tgħid id-dedika. Huwa ktieb li Mallia ħareġ apposta f'dan il-perijodu meta taħkem l-emerġenza tal-Covid-19 u għalhekk it-tfal jinsabu maqfulin ġewwa djarhom. It-tnax-il taqsima ta' dan il-ktieb huma mqiegħda fuq l-isfond tal-bidla kbira fil-mod kif ngħixu li bħalissa għaddejjin minnha lkoll. Il-ktieb huwa fantasija, għalkemm jidħol f'ċerti kwistjonijiet relatati mal-qirda tal-ambjent, tema għal qalb ħafna l-awtur. Mallia għalhekk jorbot il-gost mat-tagħlim. Huwa u jikteb din l-istorja, l-awtur poġġa lilu nnifsu fil-qalb ta' tifel żgħir, jirrakkonta waħda mill-istejjer li tant kien ipaspar minnhom qabel ma kiber u r-realtà daħlet fin-nofs u qaltlu li dak kollu li ħolom ma setax iseħħ. Permezz ta' żewġ karattri ħelwin u stampi kkuluriti Ġorġ Mallia jħeġġeġ lit-tfal magħluqin bejn erba' ħitan biex jaqraw u fuq kollox joħolmu.




***IL-KTIEB TAS-SOLTU - MINN ĦAS-SAJJIED JEW KELMA ĠĠIB LIL OĦRA*, ta' Tarċisju Zarb, Kunsill Lokali Birkirkara, 2020**

Dan hu ktieb ta' kważi 600 paġna li d-definizzjoni tiegħu tinsab diġà fis-sottotitlu: "Qwiel, idjomi, espressjonijiet fatiċi u deiktiċi, kwartini ta' għana, talb, u rrakkuntar minn Ħas-Sajjied Birkirkara u lil hinn minnu, bid-djalett jew mhux – b'kummenti ta' xeħta lingwistika, grammatikali, folkloristika u etnografika..." L-istil li juża l-awtur għandu min-nixxiegħa tas-subkuxjent, l-idjomatiċità u d-deiktiċità Karkariża. Fih wieħed isib varjetà kbira ta' materjal li juri kemm l-ilsien Malti huwa għani. Zarb jagħtina listi ta' qwiel u idjomi li kienu jintużaw minn missirijietna sa minn bosta ġenerazzjonijiet ilu u li ħafna minnhom uritna aħna llum, minkejja li wħud minnhom intilfu jew qed jintilfu minħabba l-mixja taż-żmien u tal-progress; naqraw ukoll konversazzjonijiet ma' karattri tipikament Maltin li ħafna minnhom m'għadhomx magħna llum, għanijiet differenti li kienu jitkantaw, talb li kien jingħad, u iktar. Apparti dan Zarb l-istudjuż jifli l-ilsien Malti minn angoli differenti, fosthom dak grammatikali, lessikali, fonoloġiku u etimoloġiku. Jurina wkoll ir-rabta b'saħħitha t'ilsienna m'ilsna oħrajn bħalma huma l-Għarbi, l-Isqalli, it-Taljan u l-Ingliż, u anki kif il-Malti Semitiku kien jaf jadatta ruħu għaż-żminijiet u drawwiet ġodda billi jagħmel tiegħu aspetti li oriġinarjament ġejjin mill-ilsna li kienu jitkellmu l-ħakkiema tal-gżejjer tagħna. Insibu tagħrif siewi dwar in-nomi, l-avverbji, l-aġġettivi, il-forom tal-verbi u t-tempi komposti varji, il-metafora fil-lingwa ta' kuljum, proċessi bħama huma l-ibridazzjoni, l-agglutinazzjoni jew id-deglutinazzjoni, id-diskors fatiku, il-konnetturi, il-prefissi u s-suffissi, is-semantika jew il-livell tat-tifsir f'ilsienna. Xi wħud minn dawn jinstemgħu bħala kliem diffiċli jew bombastiku, imma Zarb jippreżenta dan kollu b'mod sempliċi u li jinftiehem, anki bis-saħħa ta' għadd imdaqqas ta' tabelli ta' natura differenti. U dan għax Zarb mhux wieħed li nqafel ġewwa flimkien mal-kotba tiegħu u nqata' mir-realtà, iżda ħareġ barra u sar jaf l-idjoma Karkariża/Maltija billi ltaqa' wiċċ imb wiċċ ma' min ilu ħajtu sħiħa jitkellimha.

Ktieb bħal dan seta' jinkiteb biss wara snin twal ta' riċerka (li parti kbira saret fil-beraħ tat-toroq tal-irħula Maltin, speċjalment dak ta' Birkirkara), tagħlim, osservazzjoni u riflessjoni. Il-ktieb hu megħjun minn numru kbir ta' ritratti monokromi. L-użu tal-kelma minn Zarb ifakkarni fi kliem Edmondo de Amicis f'*L'idioma gentile* (1905): hemm kliem bħal dawk il-borom jew utensili li ma nużaw qatt fil-kċina. Zarb joħroġhom mid-dlam tal-għeluq li kienu fih għal żmien twil u jużahom apposta, jilgħab bihom, iberraħhom biex, min jaf, il-qarrejja jitħajru jerġgħu jibdew jużawhom, jew għallinqas jifhmu kemm ilsienna hu sinjur, u kemm matul iż-żmien bħala poplu warrabna bosta kliem sabiħ, utli u jdoqq għall-widna.

*Il-Ktieb tas-Soltu* jinqara b'mod mexxej ħafna *u* mhux biss għal kull min qed jistudja l-Malti f'livelli għolja, imma għal kull min jixtieq ikun jaf kemm ilsienna huwa kbir u sabiħ. Hu ktieb li jagħti gost, iserraħ mill-ġirja frenetika ta' kuljum, jinforma, u fl-istess ħin joffri tagħlim u riflessjoni.

Ċertament huwa ktieb differenti ħafna minn tas-soltu...